ISSN 1831-0036

European Union Agency for Fundamental Rights
Agentur der Europäischen Union für Grundrechte
Agence des droits fondamentaux de l'Union européenne

# Attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew għall-iMmonitorjar tar-Razziżmu u l-Ksenofobija fl-2006



European Union Agency for Fundamental Rights
Agentur der Europäischen Union für Grundrechte
Agence des droits fondamentaux de l'Union européenne

# Attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew għall-iMmonitorjar tar-Razziżmu u l-Ksenofobija fl-2006

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**

**Numru tat-telefon ġdid bla ħlas** (*):

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2008

ISBN 978-92-9192-165-2
DOI 10.2811/21990

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2008
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*

Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur



Copyright: EUMC/Wolfgang Voglhuber

Anastasia Crickley
President tal-Bord tat-Tmexxija



Copyright: EUMC/Michaela Bruckberger

Beate Winkler,
Direttur ta' -EUMC

# Daħla

## Anastasia Crickley, President tal-Bord tat-Tmexxija ta' l-EUMC

## Beate Winkler, Direttur ta' l-EUMC

L-avvenimenti ta' l-2006, għal darba oħra, enfasizzaw li s-soċjetajiet Ewropej u l-kapijiet politiċi għandhom jibqgħu fermi fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi eżistenti, ir-reati razzisti u l-esklużjoni soċjali, tal-membri żvantaġġati tas-soċjetà. L-2006 kienet sena bieżla ħafna għaċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (European Monitoring Centre on Racism and Xenophobia – EUMC). Il-prijoritajiet ta' ħidma ta' l-EUMC iffukaw fuq il-ġbir tad-dejta, ir-riċerka, fuq il-komunikazzjoni u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni, bl-għan li jappoġġaw lill-UE fl-iżvilupp ta' politika u prattika kontra r-razziżmu.

L-2006 intemmet b'deċiżjoni importanti, mhux biss għall-EUMC innifsu iżda in ġenerali għall-protezzjoni u għall-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE. F'Diċembru, il-Ministri tal-Ġustizzja u ta' l-Affarijiet Interni ta' l-UE waslu għal ftehim dwar l-estensjoni tal-mandat ta' l-EUMC sabiex isir l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Dan l-iżvilupp jirrifletti ż-żieda fil-kuxjenza ta' dawk li jfasslu l-politika, li l-ġbir tajjeb tad-dejta fil-qasam tad-drittijiet fundamentali huwa rekwiżit importanti għall-iżvilupp ta' politika u miżuri effettivi. L-espansjoni tal-ġbir tad-dejta u tax-xogħol analitiku ta' l-EUMC, lil hinn mir-razziżmu, ser tipprovdi lill-UE b'informazzjoni ġdida u konsolidata dwar oqsma kritiċi oħra tad-drittijiet fundamentali.

Il-bidla ta' l-EUMC tagħti wkoll opportunità sabiex wieħed jirrifletti fuq u jikkunsidra l-attivitajiet li seħħew fil-passat, li fl-2006, reġa' kellhom effett notevoli fuq it-tfassil tal-politika kontra r-razziżmu. L-EUMC ikkontribwixxa

għaż-żieda fil-kuxjenza dwar id-diskriminazzjoni u l-ksenofobija eżistenti fl-Istati Membri ta' l-UE. Ir-rapporti ta' l-EUMC ippermettew li jsir ċertu paragun bejn is-sitwazzjoni f'pajjiżi differenti ta' l-UE u wrew it-tendenzi ta' diversi snin fil-pajjiżi. Il-konklużjonijiet u l-opinjonijiet ta' l-EUMC f'dawn ir-rapporti influwenzaw il-proċess tat-tfassil tal-politika ta' l-UE u affettwaw il-ħidma tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Is-soċjetà ċivili rnexxielha tuża r-riżultat ta' l-EUMC sabiex tenfasizza l-inugwaljanzi eżistenti u tħeġġeġ tweġiba mill-persuni rilevanti li għandhom interess.

Qasam partikolari tax-xogħol ta' l-EUMC kien li tingħata wkoll attenzjoni lill-pożittiv, permezz tal-wiri ta' soluzzjonijiet prattiċi għal ħafna mill-kwistjonijiet li xi persuni jaħsbu li ma jistgħux jiġu trattati. L-EUMC, permezz ta' l-enfasi tal-prattika tajba eżistenti, ipprova juri lil dawk li jfasslu l-politika fl-UE li l-politika u l-miżuri kontra d-diskriminazzjoni mhux biss huma mixtieqa u meħtieġa mid-direttivi ta' l-UE, iżda jistgħu jintużaw u għandhom benefiċċji prattiċi għas-soċjetà kollha.

Sfida ewlenija għall-Ewropa fil-futur hija li tippromwovi soċjetà inklussiva fuq il-bażi tar-rispett u l-osservanza tad-drittijiet fundamentali, id-diversità u l-ugwaljanza. Aħna, b'mod sħiħ, nemmnu li l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali l-ġdida tista' tkompli u tkabbar l-appoġġ tagħha lejn din it-tip ta' Ewropa, li kollha nistgħu ngħixu fiha f'ugwaljanza u nkunu kburin biha.

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-Bord tat-Tmexxija u lill-personal ta' l-EUMC għall-appoġġ tagħhom, għall-impenn tagħhom u għax-xogħol importanti li wettqu.

| | |
|---|---|
| Anastasia Crickley | Beate Winkler |
| President tal-Bord tat-Tmexxija | Direttur ta' l-EUMC. |

# Werrej


**Daħla** 1

**Ħarsa ġenerali lejn kif l-EUMC jopera** 5
Ir-rwol ta' l-Aġenzija 5
L-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' prijoritajiet strateġiċi 5
L-iffinanzjar tal-ħidma ta' l-EUMC 5
Il-ħidma fl-EUMC 5

**Nifhmu l-livell tar-razziżmu** 7
Il-ġbir ta' dejta u informazzjoni permezz tal-punti fokali nazzjonali tan-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (RAXEN) 7
L-attivitajiet tar-RAXEN fl-2006 8
Il-bini tal-kapaċità għall-ġbir tad-dejta fl-istati ta' l-adeżjoni u fil-pajjiżi kandidati 9
L-għoti ta' riżorsi ta' dokumentazzjoni lill-pubbliku 9
Riċerka u analiżi 10
It-Tqabbil tad-dejta 11

**L-appoġġ ta' politika effettiva kontra r-razziżmu** 13
L-għoti ta' konsulenza lill-istituzzjonijiet ta' l-UE u lill-Istati Membri 14
Il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza, tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u ta' l-inklużjoni soċjali 14
Il-promozzjoni tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja 15
Il-ħidma ma' l-imsieħba 17
Il-Kunsill ta' l-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra 17
Il-kooperazzjoni fis-soċjetà ċivili u l-laqgħat roundtable 18

**It-tqajjim ta' kuxjenza dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija** 19
Pubblikazzjonijiet u disseminazzjoni 19
Websajt 20
Gruppi ta' viżitaturi 20
Kooperazzjoni ma' l-imsieħba u mas-soċjetà ċivili 20
Ħidma mal-mezzi tax-xandir 21
Taħriġ u tqajjim ta' kuxjenza għall-ġurnalisti 22

**Il-ħidma kontra r-razziżmu fl-Ewropa – Konklużjoni** 23
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ta' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni 25

ANNESSI 27

A. L-Istruttura u l-għażla tal-personal ta' l-EUMC 29
Il-Bord tat-Tmexxija 29
Il-Bord Eżekuttiv 30
Id-Direttur 31
It-Tabella Organizzattiva 32
Il-Personal 32

B. Il-baġit u l-Finanzi 34
Id-dħul finanzjarju 34
L-Infiq 34
L-Abbozz tal-Karta tal-Bilanċ ta' l-EUMC 35

Ċ. Il-Ġbir tad-dejta, ir-riċerka u l-analiżi 36
Il-Pubblikazzjonijiet ta' l-2006 36
In-Netwerk ta' Informazzjoni Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (RAXEN) 40

D. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni 42
Avvenimenti u Laqgħat organizzati jew appoġġjati mill-EUMCl-2006 42

E. Komunikazzjoni u tqajjim ta' kuxjenza 44
Il-pubblikazzjonijiet ta' l-EUMC li ġew imniżżla l-aktar fl-2006 44
L-użu tal-websajt bejn l-2003 u2006 44
L-istqarrijiet għall-istampa ta' l-EUMC fl-2006 45

# Ħarsa ġenerali lejn kif l-EUMC jopera

## Ir-rwol ta' l-Aġenzija

Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (European Monitoring Centre on Racism and Xenophobia - EUMC) huwa Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea (UE)[1] bl-għan li jiġbor dejta oġġettiva, li wieħed jista' joqgħod fuqha, u li tista' tiġi mqabbla u li jwettaq riċerka dwar ir-razziżmu, il-ksenofobija u fenomeni relatati fl-Istati Membri ta' l-UE. Il-ġbir u l-analiżi tad-dejta ta' l-EUMC iqiegħdu lill-Unjoni Ewropea f'pożizzjoni aħjar sabiex tfassal politika u prattika, tieħu azzjoni permezz ta' mekkaniżmi nazzjonali u Ewropej u taħdem mal-persuni rilevanti li għandhom interess sabiex taffronta r-razziżmu fl-UE. Sabiex jiġbor id-dejta u l-informazzjoni rilevanti fl-Unjoni, l-EUMC waqqaf in-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (Racism and Xenophobia Information Network- RAXEN) li jikkonsisti f'organizzazzjonijiet imsieħba f'kull Stat Membru ta' l-UE. L-EUMC huwa bbażat fi Vjenna/l-Awstrija.

## L-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' prijoritajiet strateġiċi

Il-Bord tat-Tmexxija jistabbilixxi l-għanijiet u l-istrateġija ta' l-EUMC u jiddetermina l-Programm ta' Ħidma annwali ta' l-EUMC. Jadotta wkoll il-baġit ta' l-EUMC, jaħtar lid-Direttur u jadotta ir-Rapport Annwali. Fl-2006, il-Bord tat-Tmexxija ltaqa' tliet darbiet. Ix-xogħol ta' l-EUMC jiġi superviżjonat mill-Bord Eżekuttiv tiegħu. Il-Bord Eżekuttiv ltaqa' seba' darbiet fl-2006.[2] Fl-2006, il-prijoritajiet ta' ħidma ta' l-EUMC iffukaw fuq il-ġbir tad-dejta, fuq ir-riċerka, fuq il-komunikazzjoni u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni, bl-għan li jiżviluppa politika u prattika kontra r-razziżmu.

## L-iffinanzjar tal-ħidma ta' l-EUMC

L-EUMC huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Għal din ir-raġuni, it-trasparenza u r-responsabbiltà huma ta' importanza kbira ħafna għall-EUMC. Fl-2006, il-baġit ta' l-EUMC kien EUR 8.9 Mio.[3]

## Il-ħidma fl-EUMC

Il-personal ta' l-EUMC fl-2006 kien jikkonsisti f'37 membru statutorju tal-personal li kienu jaħdmu fid-Direttorat u fi tliet taqsimiet separati: ir-Riċerka u l-Ġbir tad-Dejta, ir-Relazzjonijiet Esterni u l-Komunikazzjoni, u l-Amministrazzjoni. L-EUMC jimpjega lill-personal tiegħu minn ma' l-UE. Iċ-Ċentru huwa mmexxi minn Direttur maħtur mill-Bord tat-Tmexxija, li huwa responsabbli għall-preparazzjoni

1 L-EUMC ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 151, 10 ta' Ġunju 1997) li ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1652/200 tat-18 ta' Ġunju 2002.
2 Għal-lista tal-Membri tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Bord Eżekuttiv, ara l-Anness A
3 Għad-dettalji ara l-Anness B

u għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' attivitajiet annwali taċ-Ċentru u għall-amministrazzjoni ta' kuljum.[4] Fl-2006, l-EUMC, għall-ewwel darba, offra wkoll lill-gradwati żgħażagħ il-possibbiltà li jiksbu esperjenza ta' xogħol fil-qasam kontra r-razziżmu permezz ta' apprendistat.[5]



Copyright: EUMC

**Staff ta' l-EUMC**

4 Għad-dettalji ara l-Anness A
5 Għat-tabella organizzattiva ta' l-EUMC, ara l-Anness A

# Nifhmu l-livell tar-razziżmu

Minn mindu ġie mwaqqaf, l-EUMC ipprova jappoġġa lill-Unjoni Ewropea fil-fehim tagħha ta' l-iskop u tal-livell tar-razziżmu, tal-ksenofobija u ta' l-anti-Semitiżmu. Prinċipalment, huwa pprova jagħmel dan billi jtejjeb il-kwantità u l-kwalità tad-dejta u ta' l-informazzjoni disponibbli fuq il-livell ta' l-Unjoni Ewropea sabiex din tappoġġa t-tfassil ta' politika iżjed effettiva. Din id-dejta u informazzjoni tifforma l-bażi tal-parti l-kbira tar-riċerka u ta' l-analiżi komparattiva tiegħu. Id-dejta u l-informazzjoni tiegħu jikkontribwixxu għad-dejta kollha li hija disponibbli fuq il-livell internazzjonali u lil organizzazzjonijiet fi u barra l-Unjoni Ewropea. L-EUMC b'mod gradwali ġabar dejta u informazzjoni li qabel ma kinux disponibbli fuq il-livell Ewropew u, f'xi każijiet, fuq il-livell nazzjonali. Kif enfasizzaw il-kapitoli l-oħra fir-rapport, id-dejta u l-informazzjoni u l-metodi użati mill-EUMC għall-ġbir tagħhom influwenzaw l-iżvilupp tal-ġbir tad-dejta minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u kkontribwew għat-tfassil ta' livelli għall-ġbir tad-dejta fuq livell nazzjonali u internazzjonali. L-EUMC kompla jaħdem sabiex itejjeb il-linji gwida għall-ġbir tad-dejta u joħloq għarfien dwar il-benefiċċji tiegħu għal dawk li jfasslu l-politika. Kif tenfasizza l-informazzjoni aktar 'l isfel, matul l-2006 l-EUMC kien attiv f'diversi oqsma jiġbor dejta dwar id-diskriminazzjoni razzjali fl-oqsma tax-xogħol, ta' l-edukazzjoni u ta' l-akkomodazzjoni, il-monitoraġġ ta' l-iżvilupp fil-leġislazzjoni u fl-għoti ta' ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni relatata mal-kriminalità u mal-vjolenza razzista. Għalhekk, ipprovda lill-Unjoni b'ħarsa ġenerali u analiżi komparattiva tar-razziżmu.

## Il-ġbir ta' dejta u informazzjoni permezz tal-punti fokali nazzjonali tan-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (RAXEN)

L-EUMC fl-2000 waqqaf in-Netwerk Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (RAXEN). Huwa netwerk ta' punti fokali nazzjonali f'kull Stat Membru ta' l-UE mqabbda mill-EUMC sabiex jiġbru dejta u informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tar-razziżmu, tal-ksenofobija u ta' intolleranzi relatati. Il-ġbir tad-dejta jkopri l-aktar id-diskriminazzjoni razzjali u etnika fix-xogħol, fl-edukazzjoni u fl-akkomodazzjoni. Ir-RAXEN jirrapporta wkoll dwar l-iżviluppi tal-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u jiġbor dejta uffiċjali u mhux uffiċjali dwar il-vjolenza u l-kriminalità razzista li b'mod partikolari tiffoka fuq każijiet ta' anti-Semitiżmu u Islamofobija. Il-"prattiki tajbin" tal-gvern u tas-soċjetà ċivili u l-inizjattivi pożittivi fil-qlieda kontra r-razziżmu huma enfasizzati wkoll fir-rapporti tar-RAXEN.

## L-attivitajiet tar-RAXEN fl-2006

Il-membri tan-netwerk RAXEN b'mod regolari taw kontribut lill-EUMC permezz ta' diversi għodda ta' rappurtaġġ:

- Il-Bullettini RAXEN li jiġu ppubblikati kull xahrejn u li jirrappurtaw dwar l-iżviluppi politiċi, servejs u riċerka importanti, dejta statistika u informazzjoni oħra fil-Bullettin ta' l-EUMC u li ntużaw wkoll sabiex l-InfoBase ta' l-EUMC tiġi aġġornata;

- Studju dwar it-tendenzi u l-iżviluppi fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni etnika u razzjali u l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn l-2000 u l-2005 ipprovda l-informazzjoni ta' l-isfond li kienet neċessarja sabiex isir rapport komparattiv ta' l-EUMC dwar dan is-suġġett;

- Ir-rapport annwali ewlieni dwar il-ġbir tad-dejta ntuża fit-tfassil tar-rapport annwali ta' l-EUMC dwar is-sitwazzjoni tar-razziżmu u l-ksenofobija fl-UE u sabiex jiġi aġġornat l-InfoBase ta' l-EUMC. Din is-sena, ir-rapporti nazzjonali ffukaw fuq il-provi ta' l-impatt tad-Direttiva ta' l-Ugwaljanza Razzjali;

- Sar ukoll rapport qasir dwar il-ġbir tad-dejta fuq il-każijiet legali li jittrattaw id-diskriminazzjoni razzjali u etnika. Dan il-materjal ser jiġi ppubblikat fl-InfoBase ta' l-EUMC. Rapport ieħor indirizza l-attivitajiet ta' tqajjim ta' kuxjenza billi ffoka fuq proġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-parteċipazzjoni ta' l-immigranti fil-ħajja soċjali, b'enfasi fuq id-diversità u l-ugwaljanza. Ir-riżultati ser jiġu ppreżentati fl-2007, is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd, bħala kompendju ta' "prattiċi tajbin" magħżula fl-InfoBase ta' l-EUMC.

Fl-2006 saru żewġ laqgħat mal-punti fokali nazzjonali tar-RAXEN. L-għan ewlieni ta' dawn il-laqgħat kien li jiġu diskussi kwistjonijiet dwar il-ġbir tad-dejta, iżda wkoll dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali fl-Istati Membri ta' l-UE u l-iżviluppi attwali tal-leġislazzjoni u ta' l-azzjoni kontra d-diskriminazzoni fuq livell nazzjonali u fuq il-livell ta' l-UE. Matul il-laqgħat, l-awturi tar-rapport annwali ta' l-EUMC għandhom l-opportunità li jiddiskutu b'mod estensiv mal-punti fokali nazzjonali dwar il-kontenut u l-istil tar-rappurtaġġ u l-iskambju ta' esperjenzi relatati mal-ġbir u ma' l-analiżi tad-dejta.

Fil-bidu ta' l-2006, ġiet iffinalizzata reviżjoni ewlenija tas-sistema tal-ġbir tad-dejta ta' l-EUMC u f'Marzu r-riżultati ġew ippreżentati lill-Bord tat-Tmexxija ta' l-EUMC. Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tar-reviżjoni ġew adottati fit-termini ta' referenza u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa internazzjonali għat-tender tar-RAXEN ta' l-2006.

## Il-bini tal-kapaċità għall-ġbir tad-dejta fl-istati ta' l-adeżjoni u fil-pajjiżi kandidati

L-EUMC huwa involut f'diversi proġetti sabiex jappoġġa l-kapaċità ta' l-organizzazzjonijiet li jiġbru d-dejta dwar ir-razziżmu fl-istati ta' l-adeżjoni u fil-pajjiżi kandidati. L-EUMC ikkontribwixxa għal dan fl-2006 billi implimenta tliet proġetti ewlenin iffinanzjati mid-DG għat-Tkabbir:

- Fl-2003-04 PHARE-RAXEN li involva t-tmien stati ta' adeżjoni ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant ta' dak iż-żmien;
- Fl-2005-06 RAXEN_BR li involva lill-istati ta' l-adeżjoni ta' dak iż-żmien, ir-Rumanija u l-Bulgarija;
- Fl-2006-07 RAXEN_CT li jinvolvi l-pajjiżi kandidati, il-Kroazja u t-Turkija.

Dawn il-proġetti għandhom żewġ għanijiet: Min-naħa waħda jiffamiljarizzaw l-organizzazzjonijiet nazzjonali ma' l-istruttura tan-netwerk RAXEN sabiex ikunu jistgħu jiksbu kompetenza u esperjenza fil-ġbir tad-dejta fir-rappurtaġġ ta' kwistjonijiet ta' razziżmu, ksenofobija u intolleranzi relatati. Min-naħa 'l oħra, sabiex jiżviluppaw il-kapaċità ta' l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili permezz taż-żieda fil-kuxjenza, avvenimenti ta' taħriġ sabiex tiżdied il-kapaċità u b'hekk jiġi żviluppat għarfien aħjar tal-politika ta' l-UE dwar id-diskriminazzjoni razzjali u etnika. Fl-2006, l-organizzazzjonijiet magħżula fil-Bulgarija, fir-Rumanija, fil-Kroazja u fit-Turkija rċevew taħriġ u ġabru dejta u informazzjoni skond il-linji gwida komuni tar-RAXEN u taw rapporti dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiżi tagħhom. Minbarra dan, f'Settembru, sar seminar internazzjonali f'Sofija dwar il-ġbir tad-dejta u l-formulazzjoni tal-politika dwar il-minoritajiet. Attendew għall-avveniment ir-rappreżentanti tal-gvernijiet u tal-pulizija, kif ukoll l-organizzazzjonijiiet tas-soċjetà ċivili. F'Ottubru 2006, ġie organizzat seminar internazzjonali ieħor f'Bukarest dwar il-ġbir ta' dejta u informazzjoni u t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Għaż-żewġ avvenimenti attendew rappreżentanti tal-gvern u tal-pulizija, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

## L-għoti ta' riżorsi ta' dokumentazzjoni lill-pubbliku

L-EUMC huwa mgħammar sabiex jipprovdi mhux biss rapporti u studji dwar ir-razziżmu u intollerenzi relatati, iżda wkoll riżorsi ta' dokumentazzjoni li huma aċċessibbli liberament. Wara preparazzjoni ta' sentejn, l-EUMC, fl-2006 nieda database fuq l-internet, l-InfoBase ta' l-EUMC li fih dejta u informazzjoni essenzjali u ġenerali dwar kull wieħed mis-27 Stat Membru ta' l-UE fir-rigward tar-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranzi relatati. Qiegħda ssir ħidma kontinwa sabiex jiġi żviluppat, flimkien ma' organizzazzjonijiet oħra, bħall-OSCE/ODIHR u l-Kunsill ta' l-Ewropa, teżawru għall-indiċi tas-suġġetti.

## Riċerka u analiżi

Il-ġbir tad-dejta permezz tar-RAXEN enfasizza kemm hemm ftit dejta li tista' tiġi mqabbla b'mod dirett. Sabiex jitjieb it-tqabbil, kif ukoll il-ġbir ta' dejta sekondarja permezz ta' RAXEN, l-EUMC beda proġetti ta' riċerka li jipprovdu dejta primarja oriġinali u li tista' tiġi mqabbla dwar ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni.

Matul l-2006 ġew ippubblikati diversi rapporti ta' riċerka li kienu bbażati fuq informazzjoni kemm mir-RAXEN kif ukoll mir-riċerka primarja. Dawn ir-rapporti ppermettew li jsir tqabbil bejn attivitajiet fi Stati Membri differenti.

Fl-2006 ġie ppubblikat il-ħames fis-serje ta' rapporti komparattivi, dak dwar l-akkomodazzjoni. Ir-rapport, intitolat "Migranti, Minoritajiet u l-Akkomodazzjoni" (Migrants, Minorties and Housing) huwa bbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-punti fokali nazzjonali tar-RAXEN fi 15-il Stat Membru. Juri li fl-UE15 mekkaniżmi simili ta' żvantaġġi u diskriminazzjoni fl-akkomodazzjoni jaffettwaw lill-migranti u lill-minoritajiet, bħaċ-ċaħda ta' l-aċċess għall-akkomodazzjoni fuq il-bażi tal-kulur tal-ġilda ta' l-applikant, l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet relattivi li jillimitaw l-aċċess għall-akkomodazzjoni pubblika jew saħansitra attakki fiżiċi vjolenti mmirati sabiex ixekklu l-minoranzi minn ċerti kwartieri. Ir-rapport jiddokumenta każijiet ta' reżistenza minn xi awtoritajiet pubbliċi sabiex jindirizzaw diskriminazzjoni bħal din, iżda jiddiskrivi wkoll firxa dejjem akbar ta' prattiċi tajbin mill-awtoritajiet sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fis-settur ta' l-akkomodazzjoni.

Ir-rapport "Ir-Roma, iż-Żingari fl-Edukazzjoni Pubblika" (Roma and Travellers in Public Education), bbażat ukoll fuq id-dejta provduta mir-RAXEN, jippreżenta provi li l-istudenti Roma u ż-żingari huma soġġetti għal diskriminazzjoni diretta u sistematika u għall-esklużjoni mill-edukazzjoni fl-Istati Membri ta' l-UE. Juri wkoll li ġeneralment mhijiex disponibbli dejta uffiċjali aġġornata dwar il-parteċipazzjoni tar-Roma u taż-Żingari fl-edukazzjoni.

Proġett wieħed ibbażat fuq ir-riċerka primarja kien l-Istudju Pilota dwar l-Esperjenzi ta' Razziżmu u Diskriminazzjoni tal-Migranti fl-UE. Dan l-istudju kien ibbażat fuq id-dejta ta' l-istudji nazzjonali li saru bejn l-2002 u l-2005 fil-Belġju, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza, fl-Irlanda, fl-Italja, fil-Lussemburgu, fl-Olanda, fl-Awstrija, fil-Portugall u fir-Renju Unit. B'kollox iżjed minn 11,000 persuna li ġejjin minn ambitu ta' migrazzjoni wieġbu mistoqsijiet dwar l-esperjenzi tagħhom ta' diskriminazzjoni. L-istudju juri li numru sinjifikanti ta' migranti fit-tnax-il pajjiż kollha b'mod suġġettiv ġarrbu prattiċi diskriminatorji fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. F'termini metodoloġiċi, l-istudju ppermetta lill-EUMC li jieħu passi biex ikun hemm ġbir iżjed sistematiku tad-dejta dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni tal-minoranzi etniċi. Juri l-ħtieġa li jiġi assigurat li fil-futur ir-riċerka ssir bl-użu ta' approċċ komuni li jiġi applikat fl-istess ħin fil-pajjiżi li jkunu qegħdin jipparteċipaw sabiex jintlaħaq grad għoli ta' tqabbil fir-riżultati finali.

L-EUMC, mis-sena 2000, ġabar id-dejta u l-informazzjoni kollha disponibbli dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija fl-Istati Membri ta' l-UE u mill-2002 żied attenzjoni speċjali fuq l-anti-Semitiżmu. Fl-2006, l-EUMC issupplimenta r-

rapport tiegħu ta' l-2004 dwar l-anti-Semitiżmu b'Working Paper b'dejta statistika aġġornata bit-titlu "Anti-Semitiżmu : Sommarju tal-ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni fl-Unjoni Ewropea 2001-2005" (Antisemitism: Summary Overview of the situation in the European Union 2001-2005". Id-dejta disponibbli tindika żieda fl-attività anti-semitika f'xi Stati Membri ta' l-UE fis-snin li għaddew, b'każijiet ivarjaw minn ittri ta' mibegħda għal ħruq intenzjonat.

Fl-2004, l-NFPs ġew mitluba sabiex jirrappurtaw dwar is-sitwazzjoni tal-komunitajiet musulmani fl-Istati Membri bejn il-perjodu 2004 – 2005. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni l-EUMC ipprovda rapport "Il-Musulmani fl-Unjoni Ewropea: Diskriminazzjoni u Islamofobija" (Muslims in the European Union: Discrimination and Islamophobia) li ġie ppubblikat fl-aħħar ta' l-2006. Ir-rapport jippreżenta d-dejta disponibbli dwar id-diskriminazzjoni li taffettwa l-musulmani fix-xogħol, fl-edukazzjoni u fl-akkomodazzjoni. Il-manifestazzjonijiet ta' l-Islamofobija ivarjaw minn theddid verbali għal attakki fiżiċi fuq il-persuni u fuq il-proprjetà. Ir-rapport jenfasizza li l-livell u n-natura tal-każijiet ta' diskriminazzjoni u ta' Islamofobija kontra l-Musulmani Ewropej għadhom m'humiex dokumentati u mhux rappurtati biżżejjed. Ir-rapport ta' l-EUMC għalhekk jirrakkomanda li l-Istati Membri jtejbu r-rappurtaġġ tal-każijiet u jimplimetnaw miżuri sabiex id-diskriminazzjoni u r-razziżmu jiġu miġġielda b'mod aktar effettiv. Ir-rapport jinkludi wkoll inizjattivi u proposti għal azzjoni politika mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE u mill-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jiġġieldu l-Islamofobija u jinkoraġġixxu l-integrazzjoni u ta parir li l-politika ta' koeżjoni tal-Komunità għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett tal-valuri fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (li jinkludu l-Istatut tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem).

Flimkien ma' dan ir-rapport, l-EUMC ikkummissjona riċerka separata iżda kumplimentari bit-titolu "Perċezzjonijiet tad-Diskriminazzjoni u l-Islamofobija: Esperjenzi minn membri tal-komunitajiet Musulmani fl-Unjoni Ewropea" (Perceptions of Discrimination and Islamophobia: Voices from members of Muslim communities in the European Union). L-għan kien li jinkiseb fehim aktar fil-fond ta' kif il-Musulmani jħarsu lejn id-diskriminazzjoni u l-Islamofobija u kif dawn jaffettwaw il-komunitajiet tagħhom. Ir-Rapport jiġbor ukoll għarfien li l-Musulmani nfushom għandhom jagħmlu aktar sabiex jitħalltu ma' soċjetà aktar wiesgħa sabiex jegħlbu l-ostakli u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw u jippruvaw jintegraw ruħhom aktar. Ir-riċerkaturi ġew ikkummissjonati sabiex iwettqu intervisti ma' Musulmani li kienu involuti fi gruppi u f'organizzazzjonijiet tal-komunità f'għaxar Stati Membri ta' l-UE b'popolazzjonijiet Musulmani sinjifikanti. Ir-rapport ġie ppubblikat fl-aħħar ta' l-2006 flimkien mar-rapport dwar il-Musulmani fl-Unjoni Ewropea.

## It-Tqabbil tad-dejta

Għan wieħed tax-xogħol ta' riċerka mwettaq mill-EUMC huwa li jtejjeb it-tqabbil tad-dejta bejn l-Istati Membri. It-tfittxija għal titjib fit-tqabbil tista' ssir fuq livelli differenti. L-ewwel, ir-rapporti komparattivi bħal dak dwar l-Akkomodazzjoni li saru fl-2006 għandhom rwol sabiex jiġi determinat liema dejta hija disponibbli fid-diversi

Stati Membri sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet, jispjegaw ir-raġunijiet għalfejn l-affarijiet ma jistgħux jiġi mqabbla billi jagħmlu referenza għall-materjal deskrittiv u kwalitattiv biex jispjegaw id-differenzi ta' kuntest nazzjonali u l-implikazzjonijiet tagħhom għan-nuqqas ta' tqabbil attwali tad-dejta dwar id-diskriminazzjoni fl-Istati Membri.

It-tieni, l-EUMC jiddisinja u jimplimenta proġetti ta' riċerka dwar diversi aspetti tar-razziżmu u d-diskriminazzjoni li minnhom infushom jistgħu jiġu mqabbla – jiġifieri bl-użu ta' metodoloġija komuni li tiġi applikata fl-Istati Membri sabiex tipproduċi dejta ta' natura komparattiva dwar id-diskriminazzjoni. Eżempju ta' dan huwa l-istudju pilota dwar l-esperjenzi tal-vittmi ta' reati razzisti, li għadu għaddej fl-2006 u li ser jiġi ppubblikat fl-2007.

It-tielet, ir-rapporti ta' l-EUMC għenu sabiex jingħata kontribut għat-tqajjim tal-kuxjenza dwar il-ħtieġa ta' qbil bejn il-proċeduri amministrattivi ta' l-Istati Membri, fil-metodi tal-ġbir tad-dejta u fid-definizzjonijiet użati fid-diversi Stati Membri sabiex id-dejta prodotta b'mod uffiċjali tkun tista' minnha nnifisha tiġi mqabbla aktar. Bħala parti minn dan il-proċess, l-EUMC ikkoopera wkoll matul l-2006 ma' korpi bħall-EUROSTAT u Gruppi ta' Ħidma oħra kompetenti tal-Kummissjoni. Per eżempju, fl-2006, l-EUMC għamel kontribut f'żewġ laqgħat tat-Task Force ta' l-EUROSTAT dwar "L-Istatistika tal-Kriminalità, il-Vittimizzazzjoni u l-Ġustizzja Kriminali" (Statistics on Crime, Victimisation and Criminal Justice) li saru f'Marzu u f'Ottubru ta' l-2006 fil-Lussemburgu. Il-laqgħat kellhom l-għan li jiżviluppaw ġbir ta' dejta u rappurtar armonizzat dwar l-istatistika tar-reati fl-Ewropa. L-EUMC, fi Brussel, f'Settembru u f'Novembru, ipparteċipa wkoll f'laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Ġbir tad-Dejta sabiex jitkejjel il-Livell u l-Impatt tad-Diskriminazzjoni (Working Groups on Data Collection to Measure the Extent and Impact of Discrimination) u l-Grupp ta' Referenza dwar il-Manwal Ewropew fuq id-Dejta dwar l-Ugwaljanza (Reference Group on the European Handbook on Equality Data). L-eżitu ta' din ta' l-aħħar kien il-pubblikazzjoni tal-Manwal Ewropew dwar Dejta fuq l-Ugwaljanza[6] (European Handbook on Equality Data) li ġie bbażat fuq l-esperjenzi tal-ġbir tad-dejta ta' l-EUMC sabiex iqajjem kuxjenza fost dawk li jfasslu l-politika dwar il-ħtieġa li tkun disponibbli dejta aħjar.

6 Manwal Ewropew dwar id-Dejta fuq l-Ugwaljanza: Għalfejn u kif tinbena bażi ta' kuxjenza nazzjonali fuq l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' l-oriġini razzjali u etnika, ir-reliġjon u t-twemmin, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali, il-Kummissjoni Ewropea/Ministeru tax-Xogħol Finlandiż, Frar 2007.

# L-appoġġ ta' politika effettiva kontra r-razziżmu

Fis-snin li għaddew saru xi passi importanti 'l quddiem fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u fil-promozzjoni ta' l-għanijiet ta' l-ugwaljanza u d-dinjità għal kull persuna li tgħix fl-UE. Il-maġġoranza ta' l-Istati Membri ta' l-UE implimentaw id-Direttivi ta' l-Ugwaljanza Razzjali u ta' l-Ugwaljanza fix-Xogħol u waqqfu entitajiet speċjalizzati sabiex jippromwovu t-trattament ugwali. Il-Kummissjoni Ewropea għamlet progress sinjifikanti fil-politika u fil-miżuri tagħha fil-qasam tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u d-drittijiet fundamentali. L-impenn sabiex isir progress f'dan il-qasam jidher mit-twaqqif ta' Grupp ta' Kummissarji għad-Drittijiet Fundamentali, in-Nuqqas ta' Diskriminazzjoni u l-Opportunitajiet Ugwali u l-estensjoni tal-mandat ta' l-EUMC sabiex isir l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE. Il-Parlament Ewropew għamel sforz kbir għall-aġenda tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u tad-drittijiet fundamentali. Waqqaf Intergrupp kontra r-Razziżmu u favur id-Diversità (Anti-Racism and Diversity Inter-Group) sabiex tingħata setgħa politika lill-ġlieda kontra r-razziżmu u fl-2006 adotta numru ta' riżoluzzjonijiet importanti.[7]

L-EUMC ikkopera b'mod attiv ma' dawn l-istrutturi u mekkaniżmi fuq il-livell ta' l-UE u fuq livell nazzjonali. Il-ġbir tad-dejta u l-analiżi ta' l-EUMC iqiegħdu lill-Unjoni f'pożizzjoni aħjar sabiex tfassal il-politika u l-prattika, tieħu azzjoni permezz ta' mekkaniżmi nazzjonali u Ewropej, u taħdem mal-persuni rilevanti li għandhom interess sabiex ikun affrontat ir-razziżmu fl-UE. L-istituzzjonijiet ta' l-UE jutilizzaw dejjem aktar ix-xogħol ta' l-EUMC fir-relazzjonijiet esterni meta jiddiskutu r-razziżmu, il-ksenofobija u l-anti-Semitiżmu ma' imsieħba esterni.[8]

Il-konklużjonijiet u l-opinjonijiet ta' l-EUMC jaffettwaw il-proċess tat-tfassil tal-politika ta' l-UE u jinfluwenzaw ix-xogħol tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-korpi konsultattivi: il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Sabiex jilħaq il-livell nazzjonali, l-EUMC żamm rabtiet diretti ma' l-uffiċċji Governattivi rilevanti ta' l-UE permezz ta' netwerk ta' uffiċjali ta' kollegament responsabbli għall-attivitajiet kontra r-razziżmu fil-pajjiż tagħhom. L-EUMC ikkoopera ma' l-organizzazzjonijiet intergovernattivi tad-drittijiet tal-bniedem sabiex isaħħaħ l-azzjoni internazzjonali kontra r-razziżmu u sabiex jassigura li jkun hemm koordinazzjoni. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jipprovdu kontribut importanti għax-xogħol ta' l-EUMC – it-tnejn bħala punt tan-netwerk RAXEN kif ukoll permezz tal-programm roundtable ta' l-EUMC.

7 Bħal: Riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija qafas għan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd; (2005/2191 (INI)); jew Riżoluzzjoni bi tweġiba għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni – Qafas għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea' (COM(2005) 0389).

8 Per eżempju: Id-Djalogu dwar id-Drittijiet Umani mar-Russja u ċ-Ċina; Id-Djaloġu Transatlantiku ma' l-Istati Uniti, Seminar bejn il-KE u l-Iżrael dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija.



Copyright: EUMC

**Laqg]at ta' l-EUMC man-network ta' l-uffiċjali tal-kollegamenti mill-Istati Membri ta' l-UE**

## L-għoti ta' konsulenza lill-istituzzjonijiet ta' l-UE u lill-Istati Membri

L-integrazzjoni tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u razziżmu fil-politika tal-Komunità kienet l-enfasi prinċipali tax-xogħol ta' l-EUMC fl-istituzzjonijiet ta' l-UE. Ħafna mix-xogħol ta' l-EUMC fl-2006 kien immirat sabiex il-politika u l-istrateġija ta' l-UE jagħtu aktar importanza lill-ugwaljanza, lin-nuqqas ta' diskriminazzjoni u lill-inklużjoni soċjali. Parti importanti oħra ta' l-attivitajiet ta' l-EUMC kienet relatata mal-Programm ta' l-Aja, li għandu l-għan li jsaħħaħ l-UE bħala żona komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

### Il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza, tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u ta' l-inklużjoni soċjali

*L-impatt tad-Direttiva ta' l-Ugwaljanza Razzjali:* L-EUMC ikkontribwixxa għall-ewwel rapport tal-Kummissjoni ta' l-UE dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' l-Ugwaljanza Razzjali (Ottubru 2006).[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni kienet tirrifletti t-tħassib ta' l-EUMC li n-nuqqas ta' dejta dwar l-etniċità jxekkel il-monitoraġġ xieraq ta' l-effettività tal-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Parti importanti oħra tal-Komunikazzjoni kienet l-użu ta' azzjoni pożittiva. Ir-rapporti ta' l-EUMC enfasizzaw il-fatt li biex tiġi assigurata l-ugwaljanza fil-prattika, jista' jkun hemm bżonn ta' miżuri speċifiċi ("azzjoni pożittiva") sabiex jikkumpensaw għall-iżvantaġġi relatati ma' l-oriġini razzjali jew etnika. Fl-2007, l-EUMC ser jeżamina aktar kif l-azzjoni pożittiva tista' tagħti l-ugwaljanza lill-gruppi żvantaġġati, inklużi ż-żgħażagħ.

*It-titjib tal-ġbir tad-dejta:* riżultat ewlieni fl-oqsma kollha tax-xogħol ta' l-EUMC huwa l-ħtieġa li l-Istati Membri jiżviluppaw sistemi u mekkaniżmi aktar

9 Kummissjoni Ewropea (COM(2006)643). L-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika.

effettivi sabiex jiġbru, jirreġistraw u jevalwaw id-dejta u l-informazzjoni relatati mar-razziżmu u l-ksenofobija. Bħala sinjali ta' kuxjenza dejjem akbar ta' din il-ħtieġa, xi Stati Membri qegħdin iħarsu b'mod iżjed favorevoli lejn kwistjonijiet ta' reġistrazzjoni ta' oriġini etnika/nazzjonali. Fl-2006, l-EUMC ġie mistieden sabiex jitkellem dwar din il-kwistjoni f'diversi seminars ta' politika ta' livell għoli, inkluż fic-Centre d'analyse stratégique, organizzazzjoni taħt id-direzzjoni tal-Prim Ministru Franċiż. L-EUMC ipparteċipa wkoll fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni dwar il-Ġbir tad-Dejta sabiex jitkejjel il-Livell u l-Impatt tad-Diskriminazzjoni u l-Grupp ta' Referenza dwar il-Manwal Ewropew fuq id-Dejta dwar l-Ugwaljanza. Il-Manwal (li ser jiġi ppubblikat fl-2007) ġie bbażat fuq l-esperjenzi tal-ġbir tad-dejta ta' l-EUMC u ser jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika b'informazzjoni dwar kif jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi għall-ġbir tad-dejta dwar id-diskriminazzjoni.[10]

*In-nuqqas ta' diskriminazzjoni jibda fuq il-livell lokali:* l-awtoritajiet lokali għandhom rwol importanti fil-ħolqien ta' soċjetà inklussiva bbażata fuq ir-rispett reċiproku u l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd. L-EUMC, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni (Committee of Regions – CoR) beda l-proġett tan-Netwerk tal-Komunitajiet Lokali sabiex jindirizza l-kontribut ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp tan-nuqqas ta' diskriminazzoni. Il-proġett iġib flimkien il-bliet Ewropej bi proporzjonijiet kbar ta' popolazzjonijiet Musulmani sabiex tiġi skambjata prattika tajba dwar l-integrazzjoni Musulmana fuq livell lokali. Fl-2007, il-proġett ser jaffettwa aġġornament tar-rapport preċedenti ta' l-EUMC dwar is-sitwazzjoni tal-komunitajiet Islamiċi fil-bliet Ewropej. Flimkien mal-CoR u l-Belt ta' Vjenna, l-EUMC żamm konferenza dwar ir-rwol ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni ta' politika ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni (Marzu 2006). Il-konferenza identifikat l-aħjar prattika fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u t-titjib ta' l-inklużjoni soċjali. Id-diskussjonijiet u l-kummenti ta' l-EUMC ġew inklużi fl-opinjoni tal-CoR tal-15 ta' Ġunju 2006.[11]

*Il-ġlieda kontra l-esklużjoni tar-Roma:* Ir-Roma huma fost il-gruppi l-aktar vulnerabbli għar-razziżmu fl-UE, kif ġie dokumentat b'mod estensiv fir-rapporti ta' l-EUMC. L-EUMC jaħdem mal-Kummissjoni ta' l-UE u ma' persuni oħra li għandhom interess fl-identifikazzjoni ta' politika u ta' strateġija sabiex is-sitwazzjoni titjieb. L-EUMC ippreżenta r-riżultati tal-pubblikazzjoni tiegħu ta' l-2006 dwar ir-Roma u ż-Żingari fl-Edukazzjoni Pubblika (Roma and Travellers in Public Education) fil-laqgħat tal-Kummissjoni u ta' l-Esperti, kif ukoll f'Konferenza tan-Netwerk Ewropew kontra r-Razziżmu (European Network Against Racism - ENAR). Mir-rapport tiegħu dwar l-aċċess tan-nisa Romani għall-kura tas-saħħa (2003), l-EUMC ikkollabora man-netwerks tan-nisa Romani dwar il-problemi speċifiċi li jiffaċċjaw. Dan ix-xogħol affettwa r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (April 2006).[12]

## Il-promozzjoni tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja

*Il-mainstreaming tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni fil-politika ta' l-integrazzjoni:* il-"Prinċipji Bażiċi Komuni dwar l-Integrazzjoni" (Common Basic Principles on Integration) adottati mill-Kunsill fil-kuntest tal-Programm ta' l-Aja, għaraf li l-parteċipazzjoni u l-ugwaljanza huma fundamentali għall-integrazzjoni

10 Il-Kummissjoni Ewropea/Il-Ministeru tax-Xogħol Finlandiż: Il-Manwal Ewropew dwar id-Dejta fuq l-Ugwaljanza (Frar 2007)
11 Il-Kumitat tar-Reġjuni (CONST-IV-001): Opinjoni tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Protezzjoni tal-Minoranzi u l-Politika Kontra d-Diskriminazzjoni f'Ewropa Mkabbra.
12 Riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tan-nisa Roma fl-Unjoni Ewropea (2005/2164(INI)).

b'suċċess tal-migranti. L-attivitajiet ta' l-EUMC fl-2006 reġgħu saħħu l-argument li l-politika ta' l-integrazzjoni għandha tiġi kumplimentata minn miżuri sabiex jiġu affrontati l-ostakli li toħloq id-diskriminazzjoni. L-EUMC ipparteċipa fis-Seminar Ewropew dwar l-Integrazzjoni ta' l-Immigranti fis-Suq tax-Xogħol f'Madrid, organizzat mill-Istati Membri u l-UE (INTI) bl-għan li jiġu skambjati l-esperjenzi u l-prattiċi tajbin dwar il-politika ta' l-integrazzjoni fid-diversi Stati Membri. Referenza speċifika mill-EUMC kienet li l-miżuri ta' l-amministrazzjoni u tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni jiġu diversifikati, skond ix-xogħol ta' l-EUMC. Il-Konferenza Roundtable Ewropea ta' l-EUMC (Ottubru 2006) li saret f'Helsinki bl-appoġġ tal-Presidenza Finlandiża ta' l-UE ġabet flimkien gruppi tas-soċjetà ċivili u dawk li jfasslu l-politika sabiex jiddiskutu kif in-nuqqas ta' diskriminazzjoni jista' jiġi integrat fil-politika ta' integrazzjoni. Il-kompetenza ta' l-EUMC ġiet mitluba tidentifika wkoll strateġiji speċifiċi għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. L-EUMC ipparteċipa fil-Forum Ewropew għall-kisba ta' l-Integrazzjoni fuq il-Post tax-Xogħol u fis-Soċjetà (European Forum on Achieving Integration in Workplace and Society) u kkontribwixxa għal grupp ta' ħidma relatat li żviluppa indikaturi u għodda ġodda sabiex jevalwaw l-integrazzjoni u l-politika tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni.

*Tweġiba Ewropea komuni għall-kriminalità razzista:* Ir-razziżmu huwa problema b'diversi wċuħ li teħtieġ firxa wiesgħa ta' miżuri preventivi u korrettivi kemm mill-kapijiet politiċi, kif ukoll mis-soċjetà, li jinkludu l-mekkaniżmu tal-liġi penali. Fl-2001, il-Kummissjoni ta' l-UE ipproponiet leġislazzjoni komuni sabiex jiġi assigurat li l-imġiba razzista tingħata piena effettiva fl-UE: id-Deċiżjoni Qafas dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija (Framework Decision on Combating Racism and Xenophobia) li għad irid ikun hemm qbil fuqha fil-Kunsill. Fl-2006, l-EUMC, u l-Kummissjoni u l-Presidenza Awstrijaka ta' l-UE, organizzaw flimkien seminar għall-esperti sabiex jiġu ffaċilitati diskussjonijiet dwar id-Deċiżjoni Qafas. Il-Parlament Ewropew, f'riżoluzzjoni ta' l-2006, reġa' saħaq l-appoġġ tiegħu għad-Deċiżjoni Qafas.[13] Dawn l-attivitajiet ħeġġew lill-Presidenza Ġermaniza ta' l-UE sabiex fl-2007 terġa' tiftaħ in-negozjati dwar din l-azzjoni leġislattiva importanti.

L-EUMC ipparteċipa fit-tieni Laqgħa Ewropea ta' l-Aġenziji tal-Pulizija mill-UE u minn Pajjiżi Terzi dwar "Il-ġlieda kontra l-Estremiżmu/Terroriżmu tal-lemin" (Fighting against Right-wing Extremism/Terrorism) u ppreżenta x-xogħol ta' l-EUMC dwar il-vjolenza razzista u l-formulazzjoni tal-politika kontra r-reati razzisti. L-EUMC għamel ukoll preżentazzjoni fil-konferenza internazzjonali ta' Pariġi "Il-Bidla tas-Sigurtà Ewropea" (The Changing Landscape of European Security) dwar kif id-diskriminazzjoni etnika tħalli impatt fuq il-komunitajiet ta' migranti fl-Istati Membri ta' l-UE. L-EUMC indirizza l-14-il seminar ta' l-Uffiċjali Anzjani tal-Pulizija Ewropej u ppreżenta x-xogħol ta' l-EUMC dwar il-formulazzjoni ta' politika kontra l-vjolenza razzista u enfasizza l-importanza tad-diversità etnika fil-pulizija.

*Il-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet fundamentali:* Fl-2006, "il-Kontroversja dwar il-kartuns" bdiet dibattitu jaħraq dwar il-bilanċ bejn il-libertà ta' l-espressjoni u r-rispett għad-diversità. L-EUMC, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni ta' l-UE u l-Presidenza Awstrijaka ta' l-UE, żamm konferenza għall-professjonisti tal-mezzi tax-xandir mir-reġjun UE-ROMED (l-UE, l-Afrika ta' Fuq u l-Lvant

13 Riżoluzzjoni dwar l-istrateġija qafas għan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd (2005/2191 (INI)

Nofsani) sabiex iqajjem kuxjenza dwar kwistjonijiet ta' libertà ta' l-espressjoni u l-kontenut razzist fil-mezzi tax-xandir. Il-bilanċ tal-miżuri tas-sigurtà mat-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem kien suġġett ieħor ta' dibattitu intensiv. L-EUMC ipparteċipa f'laqgħat fil-Parlament Ewropew sabiex jiġi diskuss l-ethnic profiling (jiġifieri l-prattika tal-pulizija li tiffoka fuq "ir-razza" jew l-oriġini etnika u mhux fuq l-imġiba jew id-deskrizzjoni tas-suspettat). Fl-2007, l-EUMC ser jippreżenta rapport dwar din il-kwistjoni.

## Il-ħidma ma' l-imsieħba

L-EUMC ikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet intergovernattivi tad-drittijiet tal-bniedem u żviluppa sinerġiji u qasam il-kompetenza dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu fuq livell internazzjonali. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi (non-governmental organisations – NGOs) huma wkoll imsieħba importanti fil-ġlieda kontra r-razziżmu. Dawn għandhom rwol ewlieni fit-tqajjim tal-kuxjenza, fl-appoġġ tal-vittmi tar-razziżmu u fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni attwali.

### Il-Kunsill ta' l-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra

*Il-Kunsill ta' l-Ewropa (CoE):* L-EUMC żamm relazzjoni ta' xogħol tajba mal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (European Commission against Racism and Intollerance - ECRI) u jikkopera ħafna mad-Direttorat Ġenerali tal-COE. L-EUMC ipprovda lill-entitajiet tal-CoE b'dejta dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija fuq il-livell ta' l-UE sabiex din taffettwa r-rappurtar u d-dokumenti rilevanti li jistabbilixxu l-istandards, bħar-Rakkomandazzjoni tal-Politika Ġenerali ta' l-ECRI dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu fi u permezz ta' l-edukazzjoni skolastika u r-Rakkomandazzjonijiet Ġenerali tal-Politika dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni razzjali fit-tfassil tal-politika (li ser jiġu ppubblikati fl-2007). Is-sitwazzjoni tar-Roma hija waħda ta' tħassib komuni għas-CoE, l-OSCE u l-EUMC. It-tliet organizzazzjonijiet ippruvaw itejbu l-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali dwar ir-Roma permezz ta' Konferenza Internazzjonali ta' Livell Għoli f'Bukarest (Mejju 2006).

*L-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (Organisation for Security and Cooperation in Europe OSCE) u n-Nazzjonijiet Uniti (United Nations – NU):* l-Uffiċċju ta' l-OSCE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet Umani (Democratic Institutes and Human Rights - ODIHR) huwa msieħeb importanti ieħor ta' l-EUMC. L-EUMC u l-ODIHR spiss skambjaw informazzjoni u kompetenza relatati ma' l-anti-Semitiżmu, l-intolleranza kontra l-Musulmani u r-reati ta' mibegħda. Matul il-Laqgħa ta' l-Implimentazzjoni tad-Dimensjoni Umana ta' l-OSCE ta' l-2006, l-akbar konferenza dwar id-drittijiet tal-bniedem ta' l-Ewropa, l-EUMC organizza laqgħa sekondarja dwar l-Islamofobija u l-EUMC ippreżenta diskors ewlieni dwar "Il-ħtieġa ta' Dejta dwar ir-Reati ta' Mibegħda fl-Ewropa" fil-"Laqgħa ta' l-Implimentazzjoni tat-Tolleranza" (ta' l-OSCE/ODIHR) fi Vjenna.

L-EUMC ħadem ukoll ma' aġenziji rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari ma' l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (Office of the High Commissioner for Human Rights - OHCHR). L-OHCHR ikkonsulta lill-EUMC għad-dokument ta' politika tiegħu dwar l-isfidi li qegħdin joħorġu fil-glieda kontra r-razziżmu mill-Konferenza Dinjija kontra r-Razziżmu ta' l-2001. L-EUMC ippreżenta s-servejs pilota tiegħu dwar il-vittmi f'laqgħa konġunta tal-Kummissjoni Ekonomika tan-NU għall-Ewropa u l-Uffiċċju tan-NU dwar id-Drogi u l-Kriminalità fuq "L-Istatistika tal-Kriminalità".

## Il-kooperazzjoni fis-soċjetà ċivili u l-laqgħat roundtable

*Il-programm roundtable Ewropew u r-RAXEN:* l-EUMC jorganizza Konferenza Roundtable Ewropea u jappoġġja roundtables nazzjonali sabiex jieħu sehem fi djalogu strutturat ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Fl-2006, dan ippermetta li l-EUMC jisma' t-tħassib tas-soċjetà ċivili dwar varjetà ta' suġġetti, bħad-diskriminazzjoni f'miżuri kontra t-terroriżmu.[14] L-NGOs huma wkoll sors ewlieni ta' informazzjoni għan-netwerk RAXEN.

*Impenjat sabiex jestendi l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili:* minħabba r-rwol essenzjali ta' l-NGOs fil-glieda kontra r-razziżmu, l-EUMC ser jespandi l-attivitajiet tiegħu mas-soċjetà ċivili. Fl-2007, ser jagħmel konsultazzjoni dwar kif jista' jintegra bl-aħjar mod it-tħassib tas-soċjetà ċivili fix-xogħol tiegħu. L-EUMC ippreżenta dokumenti dwar il-metodoloġija ta' l-EUMC għall-ġbir tad-dejta, kwistjonijiet ta' tqabbil tad-dejta u problemi relatati mal-ġbir tad-dejta dwar il-vjolenza u l-kriminalità razzista fil-11-il konferenza Internazzjonali tal-Metropoli:



Copyright: EUMC

**Ir-Rountable Ewropea 2006 ta' l-EUMC f'Ħelsinki**

*Paths and Crossroads: Moving People, Changing Places in Lisbon.*

14 Fl-2006, l-EUMC appoġġja roundtables nazzjonali fil-Ġermanja, fi Spanja u fl-Olanda

# It-tqajjim ta' kuxjenza dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija

L-EUMC jikkunsidra ż-żieda fil-kuxjenza bħala parti essenzjali ta' l-appoġġ tiegħu għall-politika kontra r-razziżmu u l-ksenofobija. Ir-riċerka tindika li l-preġudizzji kontra l-migranti u l-minoranzi spiss huma bbazati fuq ftit jew l-ebda għarfien tal-fatti attwali. Il-Komunikazzjoni, il-mezzi tax-xandir u l-informazzjoni pubblika għalhekk jidhru bħala wħud mill-għodda li jinfluwenzaw il-preġudizzji, iqajmu kuxjenza dwar kwistjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija fl-UE biex itejbu d-disseminazzjoni akbar ta' l-informazzjoni ta' l-EUMC u li għandhom impatt akbar fuq udjenzi mmirati b'mod speċifiku.

L-EUMC jinforma lill-pubbliku u jqajjem kuxjenza b'diversi metodi:

- Pubblikazzjonijiet
- İl-websajt ta' l-EUMC (http://eumc.europa.eu)
- Gruppi ta' viżitaturi
- Kooperazzjoni ma' l-imsieħba u mas-soċjetà ċivili
- Ħidma mal-mezzi tax-xandir
- Taħriġ u tqajjim ta' kuxjenza għall-ġurnalisti

## Pubblikazzjonijiet u disseminazzjoni

Fl-2006, l-EUMC ippubblika 9 rapporti (u 15-il studju tematiku skond il-pajjiż), 3 magażins "Equal Voices" u 6 Bullettini.[15] Flimkien mal-pubblikazzjonijiet preċedenti ta' l-EUMC, il-pubblikazzjonijiet kollha huma disponibbli online mill-websajt ta' l-EUMC u l-parti l-kbira jistgħu jiġu stampati. L-EUMC iqassam il-pubblikazzjonijiet tiegħu u materjal ieħor ta' informazzjoni fil-konferenzi u fis-seminars ta' l-esperti, lill-gruppi ta' viżitaturi u jibgħathom ukoll b'xejn fuq talba. Kull pubblikazzjoni hija mħabbra fil-Bullettin ta' l-EUMC u permezz ta' email alert mibgħut lil lista kbira ta' distribuzzjoni (li tikkonsisti f'individwi fil-gvernijiet, f'istituzzjonijiet ta' l-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali, NGOs eċċ). Il-pubblikazzjonijiet ewlenin huma mħabbra wkoll permezz ta' stqarrija għall-istampa. L-EUMC ħareġ fuljett ta' informazzjoni dwar "Pubblikazzjonijiet magħżula mill-2004 sa l-2006" (Selected Publications from 2004-2006) li joffri ħarsa ġenerali utli lejn ix-xogħol ta' l-EUMC.

Fl-2006 l-EUMC nieda għodda ta' sostenn online għall-partijiet interessati li jiktbu u jaħdmu fl-ambitu ta' kwistjonijiet ta' razziżmu u tad-drittijiet tal-bniedem: "l-InfoBase ta' l-EUMC" il-ġdid għandu l-għan li jipprovdi lill-pubbliku b'informazzjoni imparzjali dwar ir-razziżmu fl-UE u jikkonsisti fi profil tal-pajjiż ta' kull Stat Membru ta' l-UE u taqsimiet dwar l-edukazzjoni, ix-xogħol, l-akkomodazzjoni, il-vjolenza u l-kriminalità razzista u kwistjonijiet legali.

15 Għal-lista tal-pubblikazzjonijiet kollha ta' l-EUMC fl-2006 ara l-Anness C




## Websajt

Il-websajt ta' l-EUMC tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ix-xogħlijiet u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija, b'referenza speċifika għall-pubblikazzjonijiet ta' l-EUMC, l-attivitajiet tan-netwerk RAXEN u taqsima għall-istampa. Fl-2006, b'kollox żaru l-websajt ta' l-EUMC 371,200 viżitatur (2005: 289,000), jiġifieri medja kuljum ta' 1017-il viżitatur (2005:850). Il-pubblikazzjoni li ġiet imniżżla l-aktar fl-2006 kienet ir-Rapport Annwali, segwita mir-Rapport dwar il-Musulmani fl-UE.[16]

## Gruppi ta' viżitaturi

L-EUMC joffri lill-pubbliku l-possibbiltà li jżur il-bini tiegħu u li jikseb introduzzjoni fix-xogħol tiegħu u fi kwistjonijiet relatati mal-mandat tiegħu. Matul l-2006, irċieva madwar 500 viżitatur li kienu jikkonsistu l-aktar f'personal minn amministrazzjonijiet pubbliċi mill-Istati Membri ta' l-UE, minn diplomatiċi u politikanti ta' l-UE, minn NGOs speċjalizzati jew korpi għall-ugwaljanza u minn gruppi ta' studenti, riċerkaturi u akkademiċi.

## Kooperazzjoni ma' l-imsieħba u mas-soċjetà ċivili

Minbarra l-inizjattivi u l-attivitajiet tiegħu stess, l-EUMC jappoġġja lil ħaddieħor fiż-żieda tal-kuxjenza dwar ir-razziżmu u fenomeni relatati. L-EUMC jappoġġja l-Kampanja tal-Kummissjoni ta' l-UE "Favur id-Diversità – Kontra d-Diskriminazzjoni" (For Diversity – Against Discrimination), u s-Sena Ewropea

16 Għal-lista dettaljata tad-dokumenti li ġew imniżżla ara Anness E.

għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007, u ddelega esperti għall-bordijiet konsultattivi ta' dawn l-inizjattivi. L-EUMC ikkopera man-Nazzjonijiet Uniti, mal-Gvern Ġermaniż, mal-Parlament Ewropew u mal-FIFA (Fédération International de Football Association) sabiex jappoġġja l-azzjoni kontra r-razziżmu waqt it-Tazza tad-Dinja tal-Futbol ta' l-2006, li wasslet għall-Ġranet tal-FIFA kontra r-Razziżmu waqt il-kwarti tal-finali. L-EUMC ħareġ numru ta' stqarrijiet għall-istampja ma' l-imsieħba tiegħu, fosthom il-Kummissjoni ta' l-UE, ECRI/il-Kunsill ta' l-Ewropa, l-OSCE u l-Kumitat tar-Reġjuni.



Għad-Diversità Kontra d-Diskriminazzjoni



2007 – Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Ugwali għall-Kulħadd

## Ħidma mal-mezzi tax-xandir

Il-libertà ta' l-espressjoni hija konkwista iebsa li tiffoma parti mill-prinċipji u mill-valuri li l-UE hija bbażata fuqhom u l-mezzi tax-xandir għandhom rwol ċentrali f'dan il-kuntest. Ir-riċerka tindika wkoll li l-mezzi tax-xandir jinfluwenzaw il-perċezzjonijiet. Il-mezzi tax-xandir għalhekk għandhom rwol ewlieni bħala mezz li permezz tiegħu l-EUMC iqajjem kuxjenza pubblika dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija u jqassam ir-riżultati tax-xogħol tiegħu. Minn naħa waħda, ix-xogħol ta' l-EUMC mal-mezzi tax-xandir sabiex jappoġġja rappurtaġġ iżjed komprensiv u infurmat dwar is-sitwazzjoni tal-migranti u l-minoranzi etniċi fl-Unjoni Ewropea. Mill-banda l-oħra, il-mezzi tax-xandir huma wkoll għodda sabiex tiżdied il-kuxjenza dwar ir-razziżmu, per eżempju fil-forma ta' konferenzi jew seminars ta' taħriġ għall-ġurnalisti.

Il-mezzi tax-xandir jitqiesu bħala għodda li permezz tagħha il-messaġġi kontra r-razziżmu ta' l-EUMC jitwasslu għand pubbliku aktar wiesa'. Fl-2006, sar spiss rappurtaġġ dwar ir-rapporti ta' l-EUMC u saru spiss ukoll intervisti mal-President u mad-Direttur ta' l-EUMC, li ġeneralment kienu ta' kwalità tajba. L-analiżi tal-mezzi tax-xandir ta' l-EUMC turi li r-Rapport Annwali per eżempju ġie trattat almenu 170 darba fil-mezzi tax-xandir Ewropej u r-rapport ta' l-EUMC dwar il-Musulmani fl-UE nstab madwar 500 darba.

Il-komunikazzjoni ewlenija bil-miktub mal-mezzi tax-xandir ssir permezz ta' l-istqarrijiet għall-istampa ta' l-EUMC, u fil-każ ta' rapporti akbar, permezz ta' taqsiriet għall-mezzi tax-xandir wkoll. Fl-2006, ġew ippubblikati total ta' 16-il stqarrija għall-istampa.[17] Dawn ivarjaw minn stqarrijiet għall-istampa li jakkumpanjaw il-preżentazzjoni ta' rapporti importanti ta' l-EUMC (per eżempju r-Rapport

17 Għal-lista sħiħa ta' l-Istqarrijiet ta' l-Istampa kollha ta' l-EUMC fl-2006 ara l-Anness E.

Annwali ta' l-2006 jew ir-Rapport dwar il-Musulmani fl-UE) għal stqarrijiet dwar avvenimenti li l-EUMC organizza (per eżempju l-Konferenza Ewro-Mediterranja, il-Konferenza Roundtable Ewropea ta' l-EUMC), għal stqarrijiet dwar suġġetti relatati ma' żviluppi attwali jew ġranet tematiċi (per eżempju: Il-Ġurnata tat-Tifkira ta' l-Olokawst, il-Ġurnata Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali). Ġew mogħtija konferenzi stampa u appoġġ xieraq fi Vjenna u fi Brussel għall-preżentazzjoni ta' żewġ pubblikazzjoni ewlenin ta' l-EUMC.

L-EUMC kompla jiżviluppa r-relazzjonijiet tiegħu mal-ġurnalisti u d-dejtabase tal-ġurnalisti ta' l-EUMC sa l-aħħar ta' l-2006 kien fiha madwar 900 kuntatt ta' ġurnalisti ma' l-UE kollha, li b'mod regolari jirċievu l-informazzjoni ta' l-EUMC għall-istampa. Matul l-2006, l-EUMC wieġeb ukoll għal diversi mistoqsijiet u talbiet għal intervisti mill-ġurnalisti.

## Taħriġ u tqajjim ta' kuxjenza għall-ġurnalisti

Kif juru r-riċerka u s-servejs u kif il-professjonisti tal-mezzi tax-xandir stess jibqgħu jenfasizzaw, hemm bżonn kostanti ta' tqajjim ta' kuxjenza u taħriġ għall-ġurnalisti dwar kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni. Fl-2006, l-EUMC organizza jew ipparteċipa f'numru ta' avvenimenti li kienu mmirati lejn il-mezzi tax-xandir u l-ġurnalisti. Flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Presidenza Awstrijaka ta' l-UE, l-EUMC organizza konferenza ewlenija dwar "Ir-Razziżmu, il-Ksenofobija u l-Mezzi tax-Xandir: Lejn Rispett u Fehim tar-Reliġjonijiet u l-Kulturi kollha" (Racism and Xenophobia and the Media: Towards Respect and Understanding of All Religions and Cultures) b'madwar 120 ġurnalist u professjonist tal-mezzi tax-xandir. L-EUMC ipparteċipa wkoll fi u/jew ikkontribwixxa għal konferenzi u seminars bħall-Konferenza ta' Londra dwar il-Mezzi tax-Xandir Etniċi, seminars għat-taħriġ tal-ġurnalisti f'Malta, fl-Awstrija u fil-Ġermanja u Konferenza Ewropea ewlenija tal-mezzi tax-xandir dwar "Il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni – sfida ewlenija għall-Ewropa. Xi rwol għandhom il-mezzi tax-xandir?" (Migration and Integration – Europe's big challenge. Which role do the media play?) f'Essen/ il-Ġermanja, organizzata mill-EBU (Unjoni Ewropea tax-Xandir – European Broadcasting Union) flimkien mal-WDR, it-Televiżjonijiet Franċiżi u z-ZDF. Dawk li jfasslu l-programm u li jieħdu d-deċiżjonijiet minn madwar l-Ewropa ddiskutew ir-relazzjoni tal-mezzi tax-xandir, tal-politika u tas-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u integrazzjoni. Id-Direttur ta' l-EUMC Beate Winkler tat wieħed mid-diskorsi ewlenin.

L-EUMC kompla jippromwovi wkoll il-prattika tajba rigward ix-xogħol tal-mezzi tax-xandir fil-każ tad-diversità u l-integrazzjoni. Flimkien mal-Parlament Ewropew u ma' oħrajn, l-EUMC appoġġja l-Premju Ewropew tal-Mezzi tax-Xandir CIVIS 2006. Il-fondazzjoni tal-mezzi tax-xandir CIVIS (WDR/ ADR u Freudenberg Stiftung) għandha l-għan li tissensitizza lill-mezzi tax-xandir fil-Ġermnja u fl-Ewropa dwar temi ta' integrazzjoni u diversità kulturali. Il-Premju tal-Mezzi tax-Xandir jippremja l-programmi tar-radju u tat-televiżjoni li jippromwovu fehim multikulturali fl-UE u jiġi ppremjat f'ċerimonja li tintwera fuq it-televiżjoni.

# Il-ħidma kontra r-razziżmu fl-Ewropa – Konklużjoni

Id-diskriminazzjoni u r-razziżmu jibqgħu realtà inkwetanti għal ħafna migranti u membri ta' gruppi minoritarji fl-UE. Iżda, fl-aħħar snin saru passi importanti sabiex tiġi appoġġjata l-ġlieda kontra r-razziżmu. Il-maġġoranza ta' l-Istati Membri ta' l-UE implimentaw id-Direttiva ta' l-Ugwaljanza Razzjali ta' l-UE u d-Direttiva ta' l-Ugwaljanza fix-Xogħol, waqqfu entitajiet speċjalizzati sabiex jippromwovu t-trattament ugwali u diversi pajjiżi żviluppaw Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali kontra r-Razziżmu. Il-Kummissjoni Ewropea tat aktar importanza lill-politika u lill-miżuri fil-qasam tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u tad-drittijiet fundamentali. Il-Parlament Ewropew mexxa 'l quddiem l-aġenda tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u d-drittijiet fundamenatali. L-EUMC kellu wkoll rwol tiegħu f'dawn l-iżviluppi. Fit-tmien snin li ilu jopera, l-EUMC stabbilixxa ruħu bħala ċentru ta' kompetenza u għarfien ta' l-UE dwar kwistjonijiet ta' razziżmu. Ta wkoll kontribut kbir għal politika infurmata aħjar u iżjed speċifika fil-ġlieda kontra r-razziżmu ul-ksenofobija.

Matul l-2006, l-EUMC ħadem sabiex tiżdied il-kompetenza dwar is-sitwazzjoni tar-razziżmu u l-ksenofobija fl-UE u enfasizza azzjonijiet possibbli. Minbarra Rapport Annwali ppubblika rapporti tematiċi dwar l-Islamofobija, l-anti-Semitiżmu, ir-Roma u ż-Żingari fl-edukazzjoni pubblika u l-mezzi tax-xandir. Ir-rapporti ta' l-EUMC żiedu l-fehim fost dawk li jfasslu l-politika li l-ġbir tajjeb tad-dejta dwar id-diskriminazzjoni razzjali huwa essenzjali sabiex jiġu żviluppati politika u prattika u jħeġġu l-ugwaljanza għal kulħadd fl-UE. L-EUMC affettwa d-diskussjonijiet dwar it-tfassil tal-politika fl-Istituzzjonijiet ta' l-UE u fl-Istati Membri interessati ta' l-UE. Fuq il-livell internazzjonali, l-EUMC kompla l-kooperazzoni tiegħu ma' organizzazzjonijiet intergovernattivi ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari mal-Kunsill ta' l-Ewropa. Laqgħa ta' livell għoli bejn l-aġenziji ta' l-ECRI, ODIHR, UNOHCHR u l-EUMC enfasizzat il-ħtieġa għal azzjoni internazzjonali kontra r-razziżmu u l-intolleranza. L-imsieħba tas-soċjetà ċivili kienu wkoll involuti b'mod attiv u pożittiv fix-xogħol ta' l-EUMC. L-EUMC żviluppa aktar ir-relazzjonijiet tiegħu mal-mezzi tax-xandir sabiex iqajjem kuxjenza u jikkomunika l-informazzjoni ta' l-EUMC dwar ir-razziżmu fost il-pubbliku in ġenerali. Il-pubblikazzjonijiet ta' l-EUMC jiġu trattati b'mod regolari fil-mezzi tax-xandir Ewropej. L-EUMC iservi bħala ċentru ta' riżorsi għal informazzjoni oġġettiva u ta' min joqgħod fuqha dwar ir-razziżmu għall-ġurnalisti madwar l-UE.

L-2006 kienet l-aħħar sena ta' ħidma ta' l-EUMC taħt il-mandat oriġinali tiegħu. Fl-1 ta' Marzu 2007, l-EUMC sar l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE, li ser tkopri oqsma usa' fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. L-Aġenzija l-ġdida tikkostitwixxi kontribuzzjoni ewlenija sabiex jiġi assigurat, fuq livell ta' l-UE, li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati u mħeġġa. It-tkomplija tax-xogħol ta' l-EUMC kontra r-razziżmu u l-ksenfobija ser jibqa' prijorità għall-Aġenzija. Meta l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni titqiegħed f'kuntest tad-drittijiet fundamentali jingħata messaġġ importanti lil kulħadd: It-trattament ugwali huwa dritt u mhux privileġġ. In-nuqqas ta' progress fil-kisba ta' l-ugwaljanza jfisser li l-gruppi żvantaġġati ma

jkunux qegħdin jingħataw id-drittijiet fundamentali tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007, tista' toħloq ambjent li fih is-soċjetà in ġenerali taġixxi biex tittratta d-diskriminazzjoni, ma tħallix li sseħħ u tagħti s-setgħa lill-vittmi sabiex jużaw ir-rimedji li jkunu ġew implimentati fuq livell nazzjonali.





Copyright: EUMC

**120 Ġurnalisti u prattikanti tal-Midja waqt il-konferenza dwar "Razziżmu, Ksenofobija u l-Midja: Nimxu lejn ir-Rispett u l-Fehma tar-Reliġjonijiet u tal-Kulturi Kollha"**

## Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ta' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni

Jien, hawn taħt iffirmata, id-Direttriċi Interim ta' l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

Fil-kapaċità tiegħi bħala uffiċjal ta' l-awtorizzazzjonijiet,

- Niddikjara li l-informazzjoni f'dan ir-rapport hija ġusta u reali*

- Niddikjara li jiena għandi fiduċja raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop maħsub u f'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja soda, u li l-proċeduri ta' kontroll li daħlu fis-seħħ jagħtu l-garanziji neċessarji dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet konċernati.

Din il-fiduċja raġonevoli hija bbażata fuq il-ġudizzju tiegħi stess u fuq l-informazzjoni li tinsab għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tas-self assessment, il-kontrolli ex post, l-osservazzjonijiet tas-Servizz ta' Verifika Intern u l-lezzjonijiet miksuba mir-rapporti tal-Qorti ta' l-Awdituri għas-snin ta' qabel is-sena li fiha saret din id-dikjarazzjoni.

- Nikkonferma li ma jiena konxja ta' l-ebda ħaġa rrappurtata hawnhekk li tista' tagħmel ħsara lill-interessi ta' l-Aġenzija u lill-istituzzjonijiet in ġenerali.

Magħmul fi Vjenna fit-13 ta' Ġunju 2007

Beate Winkler

Direttriċi Interim



* ġust u reali f'dan il-kuntest ifissru ħarsa kompluta, korretta u li tista' toqgħod fuqha ta' l-istat attwali fis-servizz.

# ANNESSI

# A. L-Istruttura u l-għażla tal-personal ta’ l-EUMC

## Il-Bord tat-Tmexxija

Il-Bord tat-Tmexxija ta’ l-EUMC huwa magħmul minn persuna indipendenti waħda magħżula minn kull Stat Membru ta’ l-UE, persuna indipendenti waħda magħżula mill-Parlament Ewropew, persuna indipendenti waħda magħżula mill-Kunsill ta’ l-Ewropa, u rappreżentant tal-Kummissjoni. Il-Bord tat-Tmexxija jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji għat-tħaddim taċ-Ċentru. B’mod partikolari, hu:

1. jiddetermina l-programm ta’ attivitajiet annwali taċ-Ċentru skond il-baġit u r-riżorsi disponibbli;

2. jadotta r-rapport annwali taċ-Ċentru u l-konklużjonijiet u l-opinjonijiet tiegħu u jgħaddihom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni; jiggarantixxi l-pubblikazzjoni tar-rapport annwali;

3. jaħtar lid-Direttur taċ-Ċentru;

4. jadotta l-abbozzi tal-baġits u l-baġits finali taċ-Ċentru;

5. japprova l-kontijiet u jagħti l-kwittanza lid-Direttur.

Copyright: EUMC



**Il-Bord tat-Tmexxija ta’ l-EUMC**

## Il-Bord tat-Tmexxija ta' l-EUMC

| PAJJIŻ / ORGANIZZAZZJONI | MEMBRU | DEPUTAT |
|---|---|---|
| Il-Belġju | Eliane DEPROOST | Jozef DE WITTE |
| Ir-Repubblika Ceka | Petr UHL | Jiří KOPAL |
| Id-Danimarka | Niels Johan PETERSEN | *in-nomina għadha pendenti* |
| Il-Ġermanja | Claudia ROTH | Claus Henning SCHAPPER |
| L-Estonja | Tanel MÄTLIK | Michael John GALLAGHER |
| Il-Greċja | Spyridon FLOGAITIS | Nikolaos FRANGAKIS |
| Spanja | Rosa APARICIO GÓMEZ | Lorenzo CACHÓN RODRÍGUEZ |
| Franza | Guy BRAIBANT | Jean-Marie COULON |
| L-Irlanda | Anastasia CRICKLEY (Il-PRESIDENT) | Rory O'DONNELL |
| L-Italja | Beniamino CARAVITA DI TORITTO | Massimiliano MONNANNI |
| Ċipru | Eliana NICOLAOU | Aristos TSIARTAS |
| Il-Latvja | Ilze BRANDS KEHRIS (IL-VIĊI PRESIDENT) | Gita FELDHŪNE |
| Il-Litwanja | Arvydas Virgilijus MATULIONIS | Šarūnas LIEKIS |
| Il-Lusseburgu | Victor WEITZEL | Anne HENNIQUI |
| L-Ungerija | András KÁDÁR | Katalin PÉCSI |
| Malta | Duncan BORG MYATT | Claire ZARB |
| L-Olanda | Jenny E. GOLDSCHMIDT | Gilbert R WAWOE |
| L-Awstrija | Helmut STROBL | Peter J. SCHEER |
| Il-Polonja | Piotr MOCHNACZEWSKI | Danuta GŁOWACKA-MAZUR |
| Il-Portugall | Rui PIRES | *nomination pending* |
| Is-Slovenja | Vera KLOPČIČ | Tatjana STROJAN |
| Is-Slovakkja | Miroslav KUSÝ | Tibor PICHLER |
| Il-Finlandja | Mikko PUUMALAINEN | Kristina STENMAN |
| L-Isvezja | Hans YTTERBERG | Anna-Karin JOHANSSON |
| Ir-Renju Unit | Naina PATEL | *in-nomina għadha pendenti* |
| Il-Kunsill ta' l-Ewropa | Gün KUT | Maja SERSIC |
| Il-Kummissjoni Ewropea | Francisco FONSECA MORILLO | Stefan OLSSON |

## Il-Bord Eżekuttiv

TIl-Bord Eżekuttiv huwa magħmul mill-President tal-Bord tat-Tmexxija, il-Viċi President u massimu ta' tliet membri oħra tal-Bord ta' Tmexxija, li jinkludu l-persuna maħtura mill-Kunsill ta' l-Ewropa u r-rappreżentant tal-Kummissjoni.

Huwa jissorvelja x-xogħol taċ-Ċentru, jimmonitorja l-preparazzjoni u l-esekuzzjoni tal-programmi u jipprepara l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bl-assistenza tad-Direttur taċ-Ċentru. Il-Bord Eżekuttiv jagħmel kwalunkwe biċċa xogħol fdata f'idejh mill-Bord tat-Tmexxija, skond ir-regoli ta' proċedura ta' dan ta' l-aħħar.

## EUMC Il-Membri tal-Bord Eżekuttiv ta' l-EUMC

| | |
|---|---|
| PRESIDENT BT | ANASTASIA CRICKLEY |
| VIĊI-PRESIDENT BT | ILZE BRANDS KEHRIS |
| MEMBRU BT | HELMUT STROBL |
| KUNSILL TA' L-EWROPA | GÜN KUT |
| KUMMISSJONI EWROPEA | FRANCISCO FONSECA MORILLO |

## Id-Direttur

Iċ-Ċentru huwa mmexxi minn Direttur maħtur mill-Bord tat-Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni Ewropea. Id-Direttur huwa responsabbli għal:

1. it-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 2 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 ta' Ġunju 1997 li jistabbilixxi ċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija;

2. it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programm annwali ta' attivitajiet taċ-Ċentru;

3. it-tħejjija tar-rapport annwali, il-konklużjonijiet u l-opinjonijiet kif imsemmija fir-Regolament li jistabbilixxi ċ-Ċentru;

4. il-kwistjonijiet kollha ta' l-impjegati u kwistjonijiet amministrattivi fuq bażi ta' kuljum.

Id-Direttur irid jagħti kont ta' l-immaniġġjar ta' l-attivitajiet tiegħu/tagħha lill-Bord tat-Tmexxija u jattendi l-laqgħat tiegħu u l-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv. Id-Direttur huwa r-rappreżentant legali ta' l-EUMC. Sa mill-1998 id-Direttriċi ta' l-EUMC kienet Beate Winkler, li reġgħet ġiet eletta.

## It-Tabella Organizzattiva

L-EUMC huwa organizzat madwar il-Bord tad-Diretturi u tliet Unitajiet, l-Amministrazzjoni, ir-Riċerka u l-Ġbir tad-Dejta, u l-Komunikazzjoni u r-Relazzjonijiet Esterni. It-tabella organizzattiva fl-aħħar tas-sena kienet kif ġej:




## Il-Personal

Il-personal ta' l-EUMC huwa suġġett għar-Regolamenti u r-Regoli li japplikaw għall-uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej. Fl-2006 l-EUMC kellu pjan ta' korp ta' 37 Aġent Temporanju. Fl-2006 kien hemm żewġ postijiet tax-xogħol battâla. Il-proċedura ta' reklutaġġ għal dawn il-postijiet tax-xogħol tlestiet fl-aħħar ta' l-2006. Madankollu, minħabba li dawn il-postijiet tax-xogħol imtlew minn Membri tal-Personal li kienu diġà impjegati b'mod attiv, kien hemm żewġ postijiet tax-xogħol battâla fil-bidu ta' l-2007. Dawn mistennija li jimtlew sa l-ewwel nofs ta' l-2007.

### Il-Proċess ta' Żvilupp tal-membri tal-Personal Temporanji

| | 2006 | | 2005 | |
|---|---|---|---|---|
| | Deċembru | Jannar | Diċembru | Jannar |
| AD[18] | 15 | 15 | 15 | 12 |
| AST | 20 | 20 | 20 | 17 |
| **Total** | **35** | **35** | **35** | **29** |

Matul l-2006 kienu reklutati tliet Aġenti Temporanji u tlieta rriżenjaw. Matul l-2005 kienu reklutati seba' Aġenti Temporanji u wieħed irriżenja.

18 AD: Administrator; AST: Assistant

# Il-Bilanċ tas-Sessi tal-Personal ta' l-EUMC

## Il-Bilanċ tas-Sessi

| | ETA | | | | | Total għal kull sess |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sess | 20-29 | 30-39 | 40-49 | 50-59 | 60-63 | |
| Nisa | 1 | 12 | 1 | 2 | 0 | 16 |
| Irġiel | 0 | 9 | 5 | 5 | 0 | 19 |
| Total għal kull età | 1 | 21 | 6 | 7 | 0 | 35 |

Il-bilanċ tal-ġeneri




# In-Nazzjonalitajiet tal-Personal ta' l-EUMC

## In-Nazzjonalitajiet

| Nazzjonalità | Membri tal-Personal |
|---|---|
| BE | 1 |
| LU | 1 |
| CZ | 1 |
| DE | 7 |
| GR | 6 |
| FR | 1 |
| IT | 1 |
| AT | 11 |
| FI | 1 |
| UK | 5 |
| **Total** | **35** |

Nazzjonalitajiet



# B. Il-baġit u l-Finanzi

## Id-dħul finanzjarju

Is-sors prinċipali tad-dħul tal-finanzi ta' l-EUMC huwa s-sussidju mħallas mill-Baġit Ġenerali tal-Komunità Ewropea. Is-sussidju ta' l-UE ta' l-EUMC għall-2006 kien ta' €8,800,000. Fl-2006 l-EUMC irċieva €110,000 aktar skond il-proġett PHARE RAXEN_BR (Il-Bulgarija u r-Rumanija), flimkien ma' €90,000 li kienu riċevuti diġà fl-2005, sabiex ikun megħjun il-proċess tat-Tkabbir ta' l-UE. Barra dan, fl-2006 l-EUMC rċieva €483,908 skond il-proġett RAXEN_CT biex jiġu megħjuna l-pajjiżi kandidati tal-Kroazja u t-Turkija. L-EUMC jirċievi sussidju mill-awtoritajiet Awstrijaċi bħala rimborż ta' 50 fil-mija ta' l-ispiża netta tal-kera mħallsa għall-bini ta' l-EUMC.

## L-Infiq

Fl-2006 il-konsum totali f'fondi marbuta (i.e. fondi mħallsa fl-2006 flimkien ma' somom ta' flus allokati li ttieħdu għall-2007) żdied bi 3% fl-2006 li jammonta għal 96% tas-somom totali tal-flus allokati. Barra dan, il-proporzjon tas-somom ta' flus allokati marbuta skond Titolu III żdiedu b'5.5%, li jirrifletti l-attenzjoni kontinwa ta' l-EUMC biex itejjeb l-implimentazzjoni tal-baġit.

### L-esekuzzjoni tal-baġit fl-2006 (il-figuri f'EUR)

| | Baġit Inizjali* | Baġit Finali** | Imħallas fl-2006 | Imressaq għall-2007 | Persentaġġ*** |
|---|---|---|---|---|---|
| Titlu I (Personal) | 3 ,686,000 | 3 ,923,500 | 3 ,693,307 | 49,852 | 95.40% |
| Titlu II (Bini, tagħmir u nfiq divers ta' l-operat) | 814,000 | 968,700 | 639,676 | 282,898 | 95.24% |
| Titlu III (Infiq ta' l-operat) | 4,300,000 | 3 ,907,800 | 2,752,637 | 942,492 | 94.56% |
| PHARE PAXEN_BR | 110,000 | 110,000 | 165,195 | 30,177 | - |
| RAXEN_CT | - | 483,908 | 163,726 | 320,182 | 100.00% |
| **Baġit Totali** | **8,910,000** | **9,393,908** | **7,414,541** | **1,625,601** | **95.91%** |

* Minħabba li kien introdott fil-bidu tas-sena.

** Minħabba li kien immodifikat fl-aħħar tas-sena wara r-riallokazzjonijiet meħtieġa.

*** =(Mħallsa fl-2006 + Imressqa għall-2007) / Baġit finali

## L-Abbozz tal-Karta tal-Bilanċ ta' l-EUMC

| ASSI 2006 | € 2005 | € |
|---|---|---|
| A. ASSI MHUX KURRENTI | | |
| Assi fissi intanġibbli | 83,677.98 | 24,714.45 |
| **Assi fissi tanġibbli** | **387,747.41** | **127,668.75** |
| Art u bini | 0.00 | 0.00 |
| Impjant u tagħmir | 90,276.60 | 11,959.99 |
| Hardware tal-kompjuter | 227,258.36 | 60,695.70 |
| Għamara u vetturi | 70,212.45 | 9,645.12 |
| Assi fissi tanġibbli li qed jinbnew | 0.00 | 45,367.94 |
| TOTAL TA' ASSI MHUX KURRENTI | **471,425.39** | **152,383.20** |
| | | |
| B. ASSI KURRENTI | | |
| **Assi short-term li għad iridu jitħallsu** | **123,962.56** | **360,335.73** |
| Assi kurrenti li għad iridu jitħallsu | 123,962.56 | 360,335.73 |
| **Flus kontanti u ekwivalenti ta' flus kontanti** | 2,287,952.92 | 2,832,280.91 |
| TOTAL TA' ASSI KURRENTI | **2,411,915.48** | **3,192,616.64** |
| | | |
| TOTAL | **2,883,340.87** | **3,344,999.84** |
| | | |
| OBBLIGI | | |
| A. KAPITAL | 1,664,928.92 | 1,143,447.39 |
| **Riservi** | 0.00 | 0.00 |
| **Surplus/defiċit akkumulat** | 1,143,447.39 | 811,986.14 |
| **Riżultat ekonomiku tas-sena - profitt+/telf-** | 521,481.53 | 331,461.25 |
| | | |
| **B. Interess ta' minoranza** | 0.00 | 0.00 |
| | | |
| Ċ. OBBLIGI MHUX KURRENTI | | |
| TOTAL TA' OBBLIGI MHUX KURRENTI | **1,664,928.92** | **1,143,447.39** |
| | | |
| D. OBBLIGI KURRENTI | 1,218,411.95 | 2,201,552.45 |
| **Benefiċċji ta' l-impjegati** | | |
| **Dispożizzjonijiet għar-riskji u ħlas** | 47,551.87 | 55,890.30 |
| Obbligi finanzjarji kurrenti oħra | | |
| **Kontijiet li jistgħu jitħallsu** | **1,170,860.08** | **2,145,662.15** |
| Kurrenti li jistgħu jitħallsu | 259,166.90 | 190,102.89 |
| Oħrajn li jistgħu jitħallsu | | 150,775.82 |
| Kontijiet li jistgħu jitħallsu ma' | | |
| entitajiet ikkonsolidati tal-KE | **911,693.18** | **1,804,783.44** |
| Finanzjar ta' qabel riċevut minn | | |
| entitajiet ikkonsolidati tal-KE | 911,693.18 | 1,515,731.94 |
| Kontijiet oħra li għandhom jitħallsu għall- | | |
| entitajiet ikkonsolidati tal-KE | 0.00 | 289,051.50 |
| TOTAL TA' OBBLIGI KURRENTI | **1,218,411.95** | **2,201,552.45** |
| | | |
| TOTAL | **2,883,340.87** | **3,344,999.84** |

# Ċ. Il-Ġbir tad-dejta, ir-riċerka u l-analiżi

## Il-Pubblikazzjonijiet ta' l-2006

### Il-Musulmani fl-Unjoni Ewropea: Manifestazzjonijiet ta' Diskriminazzjoni u Biża' mill-Islam

**(Diċembru 2006)**



Ir-rapport "Il-Musulmani fl-Unjoni Ewropea: Diskriminazzjoni u Biża' mill-Islam", jippreżenta dejta disponibbli fuq id-diskriminazzjoni li taffettwa l-Musulmani fl-impjiegi, fl-edukazzjoni u fl-akkomodazzjoni. Il-manifestazzjonijiet ta' biża' mill-Islam ivarjaw minn theddid verbali għal attakki fiżiċi fuq persuni u proprjetà. Ir-rapport jisħaq li l-medda kbira u n-natura tad-diskriminazzjoni u l-inċidenti Islamofobiċi kontra Musulmani Ewropej jibqgħu mhux dokumentati biżżejjed u mhux irrapportati biżżejjed. Ir-rapport ta' l-EUMC għalhekk jirrakkomanda li l-Istati Membri jtejbu r-rappurtaġġ ta' l-inċidenti u jimplimentaw miżuri biex jilqgħu għad-diskriminazzjoni u r-razziżmu b'mod aktar effettiv. Ir-rapport jinkludi wkoll inizjattivi u proposti għal azzjoni politika mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE u l-istituzzjonijiet ta' l-UE biex jikkumbattu l-biża' mill-Islam u jikkoltivaw l-integrazzjoni.

### Il-Musulmani fl-Unjoni Ewropea: Il-Perċezzjonijiet tal-Biża' mill-Islam

**(Diċembru 2006)**



Ir-Rapport "Il-Musulmani fl-Unjoni Ewropea: Manifestazzjonijiet ta' Diskriminazzjoni u Biża' mill-Islam" huwa akkumpanjat minn studju fuq "Il-Perċezzjonijiet tad-diskriminazzjoni u l-biża' mill-Islam", li huwa bbażat fuq intervisti fil-fond ma' membri ta' organizzazzjonijiet Musulmani u gruppi taż-żgħażagħ Musulmani f'għaxar Stati Membri ta' l-UE. Dan l-istudju jipprovdi ritratt ta' l-opinjonijiet, is-sentimenti, il-biżgħat, il-frustrazzjonijiet, u wkoll it-tamiet għall-futur li jaqsmu ħafna mill-Musulmani fl-UE.

## Ħarsa ġenerali tas-Sommarju tas-sitwazzjoni ta' l-Anti-Semitiżmu fl-Unjoni Ewropea 2001-2005

## (Diċembru 2006)



Din il-pubblikazzjoni qed taġġorna dokument ta' Mejju 2006 b'dejta statistika ġdida. Sa mill-2000 l-EUMC jiġbor id-dejta u l-informazzjoni kollha disponibbli fuq ir-razziżmu u l-ksenofobija fl-Istati Membri ta' l-UE u sa mill-2002 kellu fokus speċjali fuq l-anti-Semitiżmu. F'Marzu 2004, l-EUMC ippreżenta rapport estensiv lill-Parlament Ewropew fuq l-anti-Semitiżmu fi 15-il Stat Membru li kien hemm qabel, li huwa disponibbli wkoll fil-websajt ta' l-EUMC.

## Ir-Rapport Annwali 2006: Is-Sitwazzjoni fir-rigward tar-Razziżmu u l-Ksenofobija fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea

## (Novembru 2006)



Ir-Rapport Annwali ta' l-EUMC janalizza s-sitwazzjoni fir-rigward tar-razziżmu u l-ksenofobija fil-25 Stat Membru ta' l-UE li jkopri s-sena 2005. Ir-rapport jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ħafna mill-Istati Membri huma neqsin mid-dejta neċessarja biex josservaw inugwaljanzi soċjo-ekonomiċi possibbli bejn gruppi etniċi/nazzjonali differenti. B'riżultat ta' dan, xi gruppi jistgħu jesperjenzaw trattament ħażin u diskriminazzjoni mingħajr reazzjoni adegwata mill-istat. Ir-rapport jippreżenta deskrizzjoni ġenerika f'ħames oqsma essenzjali – il-vjolenza u d-reati razzisti, l-impjiegi, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-leġislazzjoni. Eżempji magħżula ta' inizjattivi ta' 'prattika tajba' mill-Istati Membri huma mdaħħla tul ir-rapport.

## Ir-Razziżmu, il-Ksenofobija u l-Mezzi tax-Xandir: Lejn Rispett u Fehim tar-reliġjonijiet u l-kulturi kollha (Rapport ta' konferenza)

## (Ottubru 2006)




Xi 120 ġurnalist u professjonist tax-xandir mill-Ewropa, l-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani ltaqgħu fi Vjenna f'Mejju 2006 biex jiddiskutu l-influwenza tal-mezzi tax-xandir fuq ir-relazzjonijiet interkulturali u r-razziżmu. Is-suġġetti għad-diskussjoni kienu jinkludu t-titjib ta' l-istandards tar-rappurtaġġ u r-responsabbilità tal-ġurnalisti; politika li tirregola minnha nnifisha fl-UE u fil-pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Mediterran; l-impatt tar-rappurtaġġ tal-mezzi tax-xandir fuq minoritajiet etniċi u reliġjużi, stereotipar negattiv, l-ibbilanċjar tal-libertà ta' l-espressjoni mal-protezzjoni kontra diskors ta' mibegħda; u kif wieħed għandu jagħmel użu aħjar mill-kompetenza u l-esperjenza ta' organizazzjonijiet ta' minorità etnika. Dan ir-rapport jagħti kont tad-diskorsi u r-riżultati tal-gruppi ta' ħidma ta' din il-konferenza.

## Rapport Annwali 2006: L-Attivitajiet ta' l-EUMC

## (Ġunju 2006)



Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1652/2003, l-EUMC jippubblika żewġ rapporti annwali. Dan ir-rapport fuq l-"Attivitajiet ta' l-EUMC fl-2005" jipprovdi kont ta' l-attivitajiet u l-kisbiet ta' l-EUMC matul l-2005.

## Studju Pilota fuq l-Esperjenzi ta' l-Immigranti fir-rigward tar-Razziżmu u d-Diskriminazzjoni fl-UE

## (Mejju 2006)



L-istudju pilota huwa bbażat fuq id-dejta ta' 12-il studju ta' pajjiżi ta' l-Istati Membri ta' l-UE. L-istudji saru bejn l-2002 u l-2005 fil-Belġju, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza, fl-Irlanda, fl-Italja, fil-Lussemburgu, fl-Olanda, fl-Awstrija, fil-Portugall u fir-Renju Unit. B'kollox aktar minn 11,000 persuna li għandhom esperjenza ta' immigrazzjoni wieġbu mistoqsijiet fuq l-esperjenzi possibbli tagħhom ta' diskriminazzjoni. L-istudju juri li numru sinifkanti ta' immigranti fit-tnax-il pajjiż kollha esperjenzaw b'mod suġġettiv prattiċi diskriminatorji fil-ħajja ta' kuljum tagħhom.

## Roma u Vjaġġaturi fl-Edukazzjoni Pubblika

## (Mejju 2006)



Dan huwa rapport b'deskrizzjoni ġenerika tar-Roma u l-Vjaġġaturi fl-edukazzjoni fil-25 Stat Membru ta' l-UE. Ir-rapport jagħti evidenza li studenti Roma u Vjaġġaturi huma soġġetti għal diskriminazzjoni diretta u sistematika u esklużjoni fl-edukazzjoni. Huwa jsib li s-segregazzjoni fl-edukazzjoni ta' studenti Roma u Vjaġġaturi tippersisti f'ħafna pajjiżi ta' l-UE – xi kultant l-effett mhux maħsub tal-politika u l-prattiċi, u xi kultant bħala riżultat ta' segregazzjoni residenzjali. Tibqa' komuni f'xi Stati Membri l-assenjazzjoni ħażina u għalhekk ir-rappreżentanza eċċessiva ta' studenti Roma f'edukazzjoni speċjali għal dawk b'diżabilità mentali. Għalkemm ir-rati ta' reġistrazzjoni u attendenza ta' l-istudenti Roma tjiebu xi daqsxejn, għadhom baxxi. F'ħafna pajjiżi t-transizzjoni għall-edukazzjoni sekondarja hija fqira. Ir-rapport jelenka varjetà ta' proġetti innovattivi implimentati f'diversi Stati Membri, u jsejjaħ għal strateġiji komprensivi iddisinjati u implimentati bl-involviment tar-rappreżentanti tar-Roma.

## Rapport Komparattiv fuq l-Akkomodazzjoni fi 15il Stat Membru

## (Jannar 2006)



Ir-rapport "Immigranti, Minoritajiet u Akkomodazzjoni" huwa bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Punti Fokali Nazzjonali tar-RAXEN. Huwa juri li minn naħa għall-oħra ta' l-UE-15 mekkaniżmi simili ta' żvantaġġ ta' l-akkomodazzjoni u diskriminazzjoni jaffettwaw lill-immigranti u l-minoritajiet, bħaċ-ċaħda ta' l-aċċess għall-akkomodazzjoni fuq il-bażi tal-kulur tal-ġilda ta' l-applikant, jimponu kundizzjonijiet li jillimitaw l-aċċess għall-akkomodazzjoni pubblika, jew xi kultant attakki fiżiċi vjolenti bl-għan li jiskoraġġixxu lill-minoritajiet minn ċerti distretti residenzjali. Ir-rapport jiddokumenta wkoll eżempji ta' reżistenza mill-awtoritajiet pubbliċi biex jindirizzaw diskriminazzjoni bħal din. Tema li toħroġ minn dan ir-rapport hija li l-idea ta' 'integrazzjoni' ta' minoritajiet f'distretti residenzjali tista' tiġi politiċizzata b'mod esaġerat.

## Studji Analitiċi Nazzjonali fuq l-Akkomodazzjoni

## (Jannar 2006)

Ir-rapporti ta' 15-il Punt Fokali Nazzjonali tar-RAXEN jippreżentaw dejta u informazzjoni dwar l-akkomodazzjoni, li ffurmaw il-bażi ta' l-istudju komparattiv ta' l-EUMC.

## Il-Perjodiċi 'Equal Voices'



"Id-dritt li toffendi u d-dritt li ma tkunx offiż" kien ippubblikat f'Mejju wara d-dibattitu mqanqal fil-pubbliku u fil-mezzi tax-xandir wara "l-kriżi tal-kartûn".



Il-ħarġa ta' Ottubru "Inpoġġu l-politika ta' integrazzjoni fil-prattika" tat deskrizzjoni ġenerika fuq il-mistoqsijiet prinċipali dwar 'id-dibattitu ta' l-integrazzjoni' fil-livell ta' l-UE.



"Drittijiet indaqs – benefiċċji multipli" kien ippubblikat fl-okkażjoni tat-tnedija tas-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007.

### Bullettini u volantini ta' l-EUMC

Il-Bullettin ta' l-EUMC jinkludi informazzjoni qasira u ġeneralizzata dwar ix-xogħol ta' l-EUMC u dwar l-iżviluppi fir-rigward tar-razziżmu u l-ksenofobija, li jinkludu proġetti, riċerka, u 'prattika tajba' u żviluppi topiċi fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Sitt ħarġiet tal-Bullettin ta' l-EUMC ġew ippubblikati u mqassma permezz ta' l-email bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż lil indirizzi individwali f'organi ta' l-UE, organizzazzjonijiet inter-governattivi, gvernijiet ta' l-Istati Membri u NGOs

Ġie ppreparat volantin ta' informazzjoni fuq "Pubblikazzjonijiet magħżula ta' l-EUMC mill-2004-2006" u joffri ħarsa ġenerali prattika tax-xogħol ta' l-EUMC.

Il-pubblikazzjonijiet kollha jistgħu jitniżżlu mill-websajt ta' l-EUMC http://eumc.europa.eu, jew jiġu ordnati b'xejn mill-EUMC fuq information@eumc.europa.eu

## In-Netwerk ta' Informazzjoni Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (RAXEN)

Mis-sena 2000, l-EUMC żviluppa in-Netwerk ta' Informazzjoni Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (RAXEN) magħmul minn Punti Fokali Nazzjonali (NFPs) f'kull Stat Membru. L-NFPs huma s-sors prinċipali ta' dejta u informazzjoni ta' l-EUMC fuq is-sitwazzjoni kurrenti li tikkonċerna r-razziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu u fenomeni relatati. Il-ġbir tad-dejta jkopri prinċipalment id-diskriminazzjoni razzjali u etnika fl-impjiegi, fl-edukazzjoni u fl-akkomodazzjoni. RAXEN jirrapporta wkoll fuq żviluppi fir-rigward ta' leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u jiġbor dejta uffiċjali u mhux uffiċjali fuq vjolenza u reati razzisti billi jiffoka b'mod partikolari fuq inċidenti ta' Anti-Semitiżmu u Islamofobija. 'Prattiċi tajba' tal-gvern u tas-soċjetà ċivili u inizjattivi pożittivi biex jiġġieldu r-razziżmu huma enfasizzati wkoll fir-rapporti tar-RAXEN.

## Punti Fokali Nazzjonali tar-RAXEN (F'Jan. 2007)

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | Ċentru għall-Opportunitajiet Indaqs u Oppożizzjoni għar-Razziżmu (CEOOR) |
| Ir-Repubblika Ċeka | Nies fil-Bżonn |
| Id-Danimarka | Ċentru Konsultattiv u ta' Dokumentazzjoni dwar id-Diskriminazzjoni Razzjali (DACoRD) |
| Il-Ġermanja | Il-Forum Ewropew għall-Istudji dwar l-Immigrazzjoni (EFMS) |
| L-Estonja | Iċ-Ċentru ta' Informazzjoni Legali għad-Drittijiet Umani (LICHR) |
| Il-Greċja | Antigone – Ċentru ta' Informazzjoni u Dokumentazzjoni |
| Spanja | Il-Moviment għall-Paċi u l-Libertà (MPDL) |
| Franza | Centre d'Etudes des Discriminations, du Racisme et de l'Antisémitisme (CEDRA) |
| L-Irlanda | Il-Kummissjoni Konsultattiva Nazzjonali d war ir-Razziżmu u l-Interkulturaliżmu (NCCRI) + Awtorità dwar l-Ugwaljanza (EA) |
| L-Italja | Kooperazzjoni għall-Iżvilupp ta' Pajjiżi li għadhom kemm ħadu l-Indipendenza (COSPE) |
| Ċipru | L-Istitut tax-Xogħol Ċiprijott (INEK/PEO) |
| Il-Latvja | Iċ-Ċentru tad-Drittijiet Umani tal-Latvja (LCHR) |
| Il-Litwanja | L-Istitut għar-Riċerka Soċjali (ISR) |
| Il-Lussemburgu | Centre d'Etudes de Populations, de Pauvreté et de Politiques Socio-économiques / Netwerk Internazzjonali għall-Istudji fit-Teknoloġija, l-Ambjent, l-Alternattivi, l-Iżvilupp (CEPS/INSTEAD) |
| L-Ungerija | Ċentru għall-Istudji dwar l-Immigrazzjoni u r-Refuġjati, Istitut ta' l-Istudji Etniċi u ta' Minorità ta' l-Akkademja Ungeriża tax-Xjenzi (CMRS) |
| Malta | Iċ-Ċentru tal-Ġiżwiti għall-Fidi u l-Ġustizzja (JCFJ) |
| L-Olanda | Ċentru ta' Monitoraġġ Olandiż dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (DUMC) |
| L-Awstrija | L-Istitut Ludwig Boltzmann għad-Drittijiet Umani + Id-Dipartiment tal-Lingwistika fl-Università ta' Vjenna + L-Istitut tar-Riċerka fuq il-Kunflitt |
| Il-Portugall | Númena – Ċentru ta' riċerka fuq ix-xjenzi Umani u soċjali |
| Il-Polonja | Il-Fondazzjoni ta' Ħelsinki għad-Drittijiet Umani (HFH R) |
| Is-Slovenja | L-Istitut tal-Paċi – Istitut għall-Istudji Kontemporanji Soċjali u Politiċi |
| Ir-Repubblika Slovakka | Nies Kontra r-Razziżmu (PAR) + L-Istitut għall-Affarijiet Pubbliċi |
| Il-Finlandja | Il-Lega Finlandiża għad-Drittijiet Umani |
| L-Isvezja | Il-Fondazzjoni Expo |
| Ir-Renju Unit | L-Università ta' Warwick |

# D. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni

## Avvenimenti u Laqgħat organizzati jew appoġġjati mill-EUMCl-2006

| | | |
|---|---|---|
| **Frar** | | |
| 21 | Laqgħa Nazzjonali Spanjola | Madrid |
| 28 | Laqgħa mal-FIFA, il-PE u n-NU fuq l-attivitajiet tat-Tazza tad-Dinja kontra r-razziżmu | Zürich |
| **Marzu** | | |
| 16 | Laqgħa konġunta tal-Bord Eżekuttiv ta' l-EUMC u l-Uffiċċju ECRI | Vjenna |
| 17 | Kumitat tar-Reġjuni, EUMC, Seminar fil-Belt ta' Vjenna "Il-Kontribut ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-protezzjoni tal-minoritajiet u politika anti-diskriminatorja" | Vjenna |
| 27-28 | Laqgħa tal-Punti Fokali Nazzjonali tar-RAXEN | Vjenna |
| 30-31 | Laqgħa ta' l-Uffiċjali ta' Kollegamenti tal-Gvern ta' l-EUMC | Vjenna |
| **April** | | |
| 3-4 | Laqgħa ta' l-EUMC man-Netwerk Internazzjonali tan-Nisa Roma | Vjenna |
| 27-28 | Laqgħa Nazzjonali Ġermaniża (Forum kontra r-Razziżmu) | Frankfurt/ Oder |
| **Mejju** | | |
| 3 | Laqgħa ta' l-EUMC ma' Inizjattivi tan-Nisa Romani: Netwerk Internazzjonali tan-Nisa Roma u Nisa Roma Konġunti | Bukarest |
| 4-5 | Konferenza ta' l-EUMC, l-OSCE u l-Kunsill ta' l-Ewropa dwar l-Implimentazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-Politika Nazzjonali fuq ir-Roma, is-Sinti u l-Vjaġġaturi: Linji gwida għal Viżjoni Komuni | Bukarest |
| 9 | Laqgħa ta' l-OSCE-ODIHR fuq il-Musulmani fid-diskors pubbliku u tal-mezzi tax-xandir | Varsavja |
| 10 | Ċerimonja ta' l-għoti tal-premjijiet CIVIS: Premju tal-Mezzi tax-Xandir Ewropew għall-integrazzjoni u d-diversità | Berlin |
| 22-23 | Konferenza EwroMediterranja fuq ir-Razziżmu u l-Ksenofobija fil-mezzi tax-xandir (b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza Awstrijaka ta' l-UE) | Vjenna |
| **Ġunju** | | |
| 6-7 | Laqgħa ta' l-EUMC man-Netwerk tal-Komunitajiet Lokali | Aarhus |
| 7 | Laqgħa Nazzjonali Olandiża | Utrecht |
| 9 | Laqgħa ta' l-esperti: Osservazzjoni tar-razziżmu fid-diskors pubbliku | Vjenna |
| 12-13 | Laqgħa tal-Punti Fokali Nazzjonali tar-RAXEN | Vjenna |
| 13 | Żjara fl-EUMC tal-Kummissarju tal-Kunsill Ewropew għad-Drittijiet Umani | Vjenna |
| 20-22 | Seminar fuq ir-Razziżmu u l-Ksenofobija / Deċiżjoni Kwadru fuq il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija (b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza Awstrijaka ta' l-UE) | Vjenna |

| | | |
|---|---|---|
| 22 | Laqgħa mal-Viċi-president tal-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissarju għall-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà, Franco Frattini | Vjenna |
| 22-24 | Konferenza ta' l-EUMC fl-Akkademja Ewropea ta' Bolzano fuq il-"Ġurisprudenza ta' l-Imkatar tar-Ras" | Bolzano |
| 27 | Grupp ta' Ħidma ta' l-EUMC "Kwistjonijiet Importanti" fuq il-Ġbir tad-Dejta Etnika | Vjenna |
| **Settembru** | | |
| 12 | Laqgħa ta' bejn l-aġenziji ma' l-OSCE-ODIHR, l-UN OH CHR u l-ECRI | Vjenna |
| 14-15 | Laqgħa ta' l-Uffiċjali ta' Kollegament tal-Gvern ta' l-EUMC | Vjenna |
| 28-29 | Laqgħa tal-grupp ta' l-NFP fuq il-Viġilanza tal-Minoritajiet, NFP tal-Bulgarija | Sofia |
| **Ottubru** | | |
| 3-5 | Konferenza tal-Laqgħa Ewropea ta' l-EUMC Id-Dominanza Non-Diskriminatorja fil-Politika ta' Integrazzjoni | Ħelsinki |
| 12 | Avveniment 'fil-ġenb' ta' l-EUMC "Il-Ġlieda tal-biża' mill-Islam" fil-Laqgħa ta' Implimentazzjoni tad-Dimensjoni Umana ta' l-OSCE | Varsavja |
| 20 | Laqgħa ta' l-NFP fuq il-Ġbir tad-Dejta biex tkun Miġġielda d-Diskriminazzjoni, NFP tar-Rumanija | Bukarest |
| **Novembru** | | |
| 27 | Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali ta' l-2006 ta' l-EUMC fil-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Parlament Ewropew | Brussel |
| 28 | Konferenza Stampa biex ikun illanċjat ir-Rapport Annwali ta' l-EUMC | Brussel |
| **Diċembru** | | |
| 18 | Konferenza Stampa biex ikun illanċjat ir-rapport fuq "il-Musulmani fl-UE" | Vjenna |

# E. Komunikazzjoni u tqajjim ta' kuxjenza

## Il-pubblikazzjonijiet ta' l-EUMC li ġew imniżżla l-aktar fl-2006




## L-użu tal-websajt bejn l-2003 u2006



## L-istqarrijiet għall-istampa ta' l-EUMC fl-2006

| DATA | SUĠĠETT | LINGWI |
|---|---|---|
| 26 Jannar 2006 | L-Ewropa għandha tibqa' attenta kontra l-forom kollha ta' l-Anti-Semitiżmu Dikjarazzjoni fl-okkażjoni tal-Ġurnata Internazzjonali biex tfakkar l-Olokawstu, 27 Jannar | EN |
| 14 Marzu 2006 | Il-protezzjoni tal-minoritajiet tibda fil-livell lokali Stqarrija uffiċjali konġunta EUMC u l-Kumitat tar-Reġjuni | EN, FR |
| 21 Marzu 2006 | Unità fil-ġlieda kontra r-razziżmu u l-intolleranza Dikjarazzjoni konġunta mill-Kummissjoni Ewropea Kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) tal-Kunsill ta' l-Ewropa, l-EUMC, u l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet Umani (ODIHR) ta' l-OSCE, fil-Ġurnata Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali, 21 Marzu | EN |
| 7 April 2006 | Il-bżonn kontinwu li tkun indirizzata s-sitwazzjoni tar-Roma dikjarazzjoni miċ-Ċentru ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) fil-Ġurnata Internazzjonali tar-Roma, 8 April | CS, DE, EN, ES, FIN, FR, HU, SK |
| 4 Mejju 2006 | Ir-Roma żvantaġġati b'mod goff fl-edukazzjoni Rapport ġdid ta' l-EUMC fuq "Roma u Vjaġġaturi fl-Edukazzjoni Pubblika" | CS, DE, EN ES, FIN, FR, HU, IT, RO, SK |
| 22 Mejju 2006 | Konferenza Ewro-Mediterranja Tiddiskuti l-Influwenza tal-Mezzi tax-Xandir fuq il-fehim Interkulturali | DE, EN, FR |
| 13 Ġunju 2006 | Ir-Razziżmu fil-quċċata ta' l-aġenda fil-laqgħa bejn l-EUMC u l-Kunsill ta' l-Ewropa. Sforzi konġunti fil-ġlieda kontra r-razziżmu | EN |
| 22 Ġunju 2006 | Frattini: L-EUMC għandu rwol importanti fil-ġlieda ta' l-UE kontra r-razziżmu | DE, EN, FR |
| 28 Ġunju 2006 | Il-Ġranet Kontra r-Razziżmu tal-FIFA jagħtu direzzjoni politika qawwija u pożittiva | CS, DA, DE, EN, ES, FIN, FR, GR, HU, IT, NL, PL, PT, SE, SI, SK |
| 4 Ottubru 2006 | Negħlbu l-firdiet diskriminatorji għall-integrazzjoni. Laqgħa Ewropea f'Ħelsinki fl-4 Ottubru | DE, EN, FIN, FR |
| 22 Novembru 2006 | Stedina għall-istampa għal stqarrija uffiċjali biex jiġi llanċjat ir-Rapport Annwali ta' l-2006 ta' l-EUMC fuq ir-razziżmu u l-ksenofobija fl-UE | EN, FR |
| 28 Novembru 2006 | Żieda fl-isforzi kontra r-razziżmu, jgħid l-EUMC. Nuqqas kbir ta' dejta jfixkel l-azzjoni kontra d-diskriminazzjoni u l-reati razzisti | 20 lingwa ta' l-UE |
| 7 Diċembru 2006 | Fatti u figuri dwar id-diskriminazzjoni razzjali. L-EUMC jillanċja InfoBase ġdid biex jappoġġja l-azzjoni kontra r-razziżmu | DE, EN, FR |

| | | |
|---|---|---|
| 8 Diċembru 2006 | EUMC: Ir-Razziżmu huwa vjolazzjoni sfaċċata tad-drittijiet umani. Dikjarazzjoni fl-okkażjoni tal-Ġurnata Internazzjonali tad-Drittijiet Umani, 10 Diċembru | EN |
| 11 Diċembru 2006 | Stedina għal konferenza stampa biex jiġu llanċjati żewġ pubblikazzjonijiet ta' l-EUMC fuq il-biża' ta' l-Islam fl-UE | EN |
| 18 Diċembru 2006 | L-EUMC tippreżenta rapporti fuq id-Diskriminazzjoni u l-biża' mill-Islam fl-UE | 20 lingwa ta' l-UE EU AR, TR |




Copyright: EUMC

Konferenza Stampa ta' l-EUMC

European Union Agency for Fundamental Rights

**Activities of the European Monitoring Centre on Racism an Xenophobia in 2006**

**FRA 2007**

Budapest, Printer: Elanders Hungary Kft.

2008 - 46 pp. - 21 x 29.7 ċm

ISBN 978-92-9192-165-2

DOI 10.2811/21990

A great deal of information on the European Union Agency for Fundamental Rights is available on the Internet. It can be accessed through the FRA website (http://fra.europa.eu)

© European Union Agency for Fundamental Rights, 2008
Reproduction is authorized, except for commercial purposes, provided the source is acknowloged.

TK-AE-07-001-MT-C

2007 — European Year of Equal Opportunities for All

Dan l-aħħar rapport ta' l-attivita' fuq iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) huwa ppubblikat mill-Aġenzija ta' l-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) – bħala s-suċċessur legali ta' l-EUMC. Id-dokument jagħti kont ta' l-attivitajiet u l-kisbiet ta' l-EUMC matul l-2006.

L-attivitajiet ta' l-EUMC fl-2006 għal darba oħra kellhom effett notevoli fuq il-politika kontra r-razziżmu. Il-prijoritajiet tax-xogħol ta' l-EUMC iffukaw fuq il-ġbir tad-dejta u r-riċerka, kif ukoll fuq il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, l-Istati Membri, organizzazzjonijiet intergovernattivi u s-soċjetà ċivili. Ir-rapporti ta' l-EUMC waslu għand l-UE u għand dawk li jagħmlu l-politika nazzjonali u infurmaw għadd ta' inizjattivi ġodda fil-qlieda kontra r-razziżmu. Anki s-soċjetà ċivili setgħet tuża s-sejbiet ta' l-EUMC biex tixħet dawl fuq l-inugwaljanzi u biex tinkoraġġixxi tweġiba mill-awtorità rilevanti.



FRA - European Union Agency for Fundamental Rights
A-1060 Wien, Rahlgasse 3
Tel.: +43 1 580 30 - 0
Fax: +43 1 580 30 - 693
E-mail: information@fra.europa.eu
http://fra.europa.eu

ISBN 978-92-9192-165-2